# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 29 ta' Lulju 2021**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 72/2018 JVC**

**Alfred Degiorgio, George Degiorgio u Vincent Muscat**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija u b'digriet tat-23 ta' Lulju 2018 gew awtorizzati jintervejnu in *statu et terminis* l-Avukat Peter Caruana Galizia (ID30056M), Matthew Caruana Galizia (ID130886M), Andrew Caruana**

**Galizia (ID384287M) u Paul Caruana Galizia (ID8989M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Alfred Degiorgio (detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru: 541264 (M)), George Degiorgio (detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru: 164963 (M)) u Vincent Muscat (detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru: 252562 (M)) datat 2 ta' Lulju 2018 fejn esponew: -

'Illi nhar l-4 ta' Dicembru 2017 l-esponenti gew arrestati meta kienu jinstabu gewwa l-Marsa f' operazzjoni illi saret mill-membri tal-pulizija ezekuttiva, membri tal-forzi armati u membri tas-servizzi tas-sigurta`;

Illi fil-mument ta' l-arrest taghhom, l-esponenti ma gewx moghtija jew imqar murija mandat ta' arrest u lanqas gew infurmati dwar ir-ragunijiet ghall-arrest taghhom;

Illi inoltre nhar l-4 ta' Dicembru 2017 membri tal-pulizija ezekuttiva u persuni ohra li mhumiex membri tal-pulizija ezekuttiva accedew ghal u wettqu tfittxijiet gewwa l-Marsa mnejn gew arrestati l-esponenti u gewwa fondi li jinstabu gewwa San Pawl il-Bahar, l-Imsida u s-Siggiewi;

Illi qabel ma saru tali tfittxijiet hadd mill-esponenti ma inghata jew imqar intwera mandat ta' tfittxija;

Illi filwaqt illi tali tfittxijiet saru f' fondi fejn l-esponenti seta' kellhom xi konnessjoni, uhud mit-tfittxijiet ma sarux fil-prezenza

ta' l-esponenti u inoltre gew elevati oggetti mhux fil-prezenza ta' l-esponenti;

Illi ftit qabel ma l-esponenti gew imressqa b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja nhar il-5 ta' Dicembru 2017, huma inghataw mandati ta' arrest u tfittxija datati nhar it-2 ta' Dicembru 2017 u ghalhekk filwaqt li l-mandati ta' arrest u tfittxija kienu datati jumejn qabel l-arrest taghhom, huma inghataw tali mandati sitta u tletin (36) siegha wara li gew arrestati u dana minghajr l-ebda spjegazzjoni;

Illi nhar il-5 ta' Dicembru, 2017 l-esponenti gew imressqa b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja akkuzati b'diversi akkuzi, fost liema, talli f' dawn il-Gzejjer nhar is-16 ta' Ottubru 2017 wara nofsinhar u fix-xhur ta' qabel din id-data dolozament bil-hsieb illi joqtlu lill-persuna u cioe` lil Daphne Caruana Galizia jew li jqeghdu il-hajja taghha f' periklu car, ikkagunawlha l-mewt;

Illi matul il-prezentata taghhom huma kkontestaw l-arrest u gie verbalizzat dan illi gej:

*Dr Benjamin Valenzia ghan-nom tat-tliet imputati nforma lill-Qorti li l-arrest tat-tliet imputati qed jigi kontestat, fis-sens illi l-mandat ta' arrest inghata lit-tliet imputati wara 36 siegha li kienu gew arrestati.*

*Il-Qorti semghet lill-Ispettur Keith Arnaud jixhed bil-gurament (limitatament biss fir-rigward tal-kontestazzjoni tal-validita' tal-arrest tat-tliet imputati) dwar dak li wassal ghall-arrest tat-tliet imputati, u filwaqt li tinnota (fost l-ohrajn) li l-prezentata tat-tliet imputati llum hija fit-terminu ta' 48 siegha u li l-imputati effettivament gew infurmati li kienu taht arrest mill-Ispettur Keith Arnaud hekk kif gew arrestati, tqis*

*il-kontestazzjoni tal-validita' tal-arrest tat-tliet imputati bhala wahda mhux legittima, u ghaldaqstant tghaddi biex tikkonvalida l-arrest tat-tliet imputati.*

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-arrest ta' l-esponenti, l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija agixxa bi ksur ta' l-Artikolu 355AI tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid illi mandat ghandu jsir bi tliet kopji ffirmati li wahda minnhom ghandha tinzamm mill-Magistrat filwaqt li l-ohrajn ghandhom jinghataw lill-ufficjal tal-pulizija li ghandu jzomm kopja wahda fl-inkartamenti tieghu u jara li l-kopja l-ohra tigi notifikata lill-persuna li lilha din ghandha tigi notifikata u l-unika eccezzjoni hija dik kontemplata fil-*proviso* ta' l-istess Artikolu illi tghid li meta ufficjal tal-pulizija jiltaqa' ma' persuna li kontriha jkun inhareg mandat ta' arrest u, ghalkemm ma jkollux fuqu kopja tal-mandat, l-ufficjal tal-pulizija jkun jaf li l-mandat ikun hekk inhareg, l-ufficjal ghandu jarresta lil dik il-persuna u jinnotifikaha bil-kopja tal-mandat mal-ewwel opportunita` li jkollu. Il-kaz odjern ma kienx jaqa' f′ din l-eccezzjoni ikkontemplata minn tali *proviso* billi l-ufficjali tal-pulizija kienu jafu illi huma sejrin jarrestaw lill-esponenti u fil-fatt arrestawhom minghajr ma innotifikawhom b'mandat ta' arrest;

Illi inoltre skont l-Artikolu 355E tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regola generali hija illi ebda ufficjal tal-Pulizija ma ghandu, sakemm ma jkollux mandat minn Magistrat, jidhol f′ xi lokal, dar, bini jew recint ghall-fini li jaghmel xi perkwizizzjoni hemm gew jew li jarresta liI xi persuna li tkun ghamlet reat jew li tkun ragonevolment suspettata li tkun ghamlet jew li tkun se taghmel xi reat;

Illi fil-kaz odjern l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija agixxa bi ksur ta' dan l-Artikolu tal-Kodici Kriminali kif ukoll bi ksur ta'

artikoli ohra tal-Kodici Kriminali. B'mod partikolari l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija agixxa wkoll bi ksur ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 355J tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid illi l-ufficjal esekutur ghandu jaghti kopja tal-mandat lill-persuna li tkun toqghod u tkun prezenti fil-post imfittex jew lil kull persuna ohra li tkun tidher lil dak l-ufficjal bhala li tkun inkarigata mill-istess post u li tista' tkun hemm prezenti waqt it-tfittxija u jekk ma jkunx hemm persuna prezenti li l-ufficjal esekutur ikun jidhirlu li tkun inkarigata mill-post, il-kopja tal-mandat ghandha tithalla fil-post b'tali mod li tkun facilment tidher;

Illi inoltre terzi persuni li ma humiex ufficjali tal-pulizija ezekuttiva dahlu fil-fondi mnejn saru t-tfittxijiet minghajr ma kienu awtorizzati billi f' kull kaz il-mandati ta' arrest u tfittxija jaghtu awtorita` lill-ufficjali tal-pulizija u mhux lil terzi u kif ser jirrizulta ahjar matul it-trattazzjoni ta' dina l-kawza tali terzi sahansitra elevaw u/jew ordnaw illi jigu elevati oggetti mill-fondi mnejn saru t-tfittxijiet;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-lanjanza ta' l-esponenti hija fis-sens illi fil-konfront taghhom gew lezi l-Artikolu 5 (1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali nkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi fil-konfront taghhom gew lezi l-Artikolu 5 (1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Konsegwentament taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti hekk kif garantiti taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u taht il-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dana, fost affarijiet ohra, billi tordna r-rilaxx immedjat ta' l-esponenti u ta' kwalunkwe oggett illi gie elevat matul it-tfittxija imsemmija f' dan ir-rikors, tordna illi kwalunkwe oggett hekk imsemmi, jekk kemm-il darba gie ezebit bhala prova fl-atti tal-kumpilazzjoni bhalissa pendenti fil-konfront ta' l-esponenti, jigi sfilzat u tikkundanna lill-intimati jhallsu d-danni sofferti mill-esponenti;

Bl-ispejjez kontra l-intimati.'

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta' Lulju 2018 u ordnat in-notifika lill-kontroparti li kellhom 48 siegha zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 6 ta' Lulju 2018 a fol 8 tal-process kif isegwi:

'Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija bbazata fuq allegat ksur tal-"'*Artikolu 5 (1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta'* u dan *stante* li skont ir-rikorrenti l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija agixxa bi ksur tal-Artikoli 355 E, 355J u 355AI tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' *locus standi* tal-Avukat Generali peress li l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda allegat agir tal-Kummissarju tal-Pulizija bil-konsegwenza li l-Avukat Generali ghandu jigi dikjarat bhala mhux kontradittur legittimu u jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan *stante* li ma hemm l-ebda tehid forzus ta' proprjeta';

3. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-azzjoni odjerna hija mibnija fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali garantiti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni, ir-rikorrenti qieghed jabbuza mill-process kostituzzjonali *stante* illi qieghed jadopera procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellu a disposizzjoni taghhom rimedji ordinarji sabiex iharsu d-drittijiet pretizi minnhom. Illi minn qari anke superficjali tar-rikors promotur jirrizulta li dak li qeghdin jilmentaw minnu r-rikorrenti huwa l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-kors tal-arrest u t-tfittxija li saret fil-proprjeta' tar-rikorrenti, kwistjonijiet li huma regolati permezz tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u cioe' bit-thaddim tal-istess disposizzjonijiet li jfisser ukoll li l-qrati li ghandhom jiddisponu minn tali kwistjonijiet huma l-qrati penali f' dan il-kaz il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja li qieghda tisma' l-kumpilazzjoni in konfront tal-istess rikorrenti. Illi dawn l-ilmenti tar-rikorrenti li qeghdin iqajmu permezz tar-rikors promotur huma ilmenti li jirrigwardaw ligi ordinarja penali u li ghalhekk ghandhom jigu mqajma u decizi mill-Qorti Istruttorja. Illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti jallegaw li huma kkontestaw l-arrest taghhom liema kontestazzjoni giet michuda mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u dan fih innifsu jfisser li l-ligi penali ordinarja tahseb ghal rimedju effettiv izda certament li c-cahda ta' tali talba ma tistax isservi bhala bazi ta' azzjoni straordinarja bhal ma hija l-azzjoni odjerna. L-esponenti ghalhekk jecepixxu n-

nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u l-esponenti jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni konvenzjonali taghha *ai termini* tal-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

4. Illi fil-mertu, ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 5 (1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea, minhabba l-arrest inizzjali tar-rikorrenti u cioe' qabel il-prezentata taghhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, jibda biex jinghad li f' dan il-kaz, l-arrest tar-rikorrenti kienet tinkwadra ruhha perfettament taht il-paragrafu (c) tal-Artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni b'dana li l-arrest tar-rikorrenti sehh sabiex jkunu jistghu jingiebu quddiem il-Qorti peress li huma ragonevolment kienu suspettati li wettqu reati marbuta ma' omicidju volontarju.

Illi bhala fatti jirrizulta li l-mandat ta' arrest fil-konfront tar-rikorrenti kien iffirmat fit-2 ta' Dicembru 2017 mill-Magistrat Inkwerenti filwaqt li l-operazzjoni li fiha gew arrestati l-istess rikorrenti saret jumejn wara. Illi kif johrog mill-atti tal-istruttorja li r-rikorrenti gew mressaqa b'arrest fil-5 ta' Dicembru 2017 b'akkuza li fis-16 ta' Ottubru 2017 wara nofs in-nhar u fix-xhur ta' qabel din id-data dolozament bil-hsieb illi joqtlu jew jqeghdu l-hajja f' periklu car ikkagunaw il-mewt ta' Daphne Caruana Galizia. Illi l-investigazzjonijiet tal-Pulizija kienu mifruxa fuq diversi binarji liema binarji kollha waslu ghall-persuna tar-rikorrenti. B'hekk ir-rikorrenti gew arrestati u mressqa b'arrest bl-akkuzi in konfront taghhom.

Illi kif jirrizulta mill-istess rikors promotur fejn ir-rikorrenti jiccitaw mill-verbal tal-prezentata taghhom quddiem il-Qorti tal-

Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja jirrizulta li l-istess rikorrenti kienu nfurmati bl-arrest taghhom u r-raguni li fuqha gew arrestati. Illi kien l-istess Spettur li qieghed imexxi l-kumpilazzjoni in konfront tar-rikorrenti li infurmahom li huma kienu taht arrest u r-raguni ghala huma kienu qeghdin jigu arrestati kif ukoll inghataw id-drittijiet legali skont id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali li huma marbuta mal-arrest.

Fil-fehma tal-intimati dawn ic-cirkostanzi fejn l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija kellu evidenza li ngabret kontra r-rikorrenti, tali evidenza kienet tqanqal suspett ragonevoli li kienu r-rikorrenti li kienu wettqu ir-reat li bih gew akkuzati. Illi jirrizulta wkoll li fil-mument tal-arrest tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti gew infurmati b'mod immedjat li huma kienu taht arrest kif ukoll gie mgharraf lilhom ir-raguni ghala kienu qeghdin jigu arrestati. Ghalhekk f' mohh l-esponenti ma hemm l-ebda dubju li l-arrest tar-rikorrenti kien wiehed gustifikat abbazi tal-Artikolu 5 (1) (c) tal-Konvenzjoni Ewropea u li fl-ebda mod ma gew imxellfa l-protezzjonijiet li jahsbu ghalihom l-Artikoli 5 (1) u 5 (2) tal-istess Konvenzjoni.

Ghaldaqstant, id-detenzjoni tar-rikorrenti kienet wahda gustifikabbli u permissibbli u dan peress li kien hemm suspett ragonevoli li l-istess rikorrenti kienu ikkommettew reat kriminali.

5. Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan minhabba li l-proprjeta' tar-rikorrenti giet assoggettata ghat-tiftix u ghal dhul minn persuni fil-post tar-rikorrenti. L-esponenti jecepixxu illi ghalkemm kemm l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jenuncjaw id-dritt li kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-privatezza ta' daru madankollu dan id-dritt

mhuwiex dritt assolut u l-istess artikoli jahsbu ghal dawk l-istanzi fejn huwa permissibbli li jkun hemm interferenza fit-tgawdija ta' dan id-dritt.

Illi t-tieni paragrafu ta' l-istess artikoli jipprovdu li huwa permissibbli li jkun hemm interferenza fit-tgawdija ta' dawn id-drittijiet in kwantu tali interferenza ssir skont il-ligi u tkun mehtieg f' socjeta' demokratika sabiex jigi assigurat l-ordni pubbliku u jigu evitati t-twettiq ta' delitti.

Illi anke jekk dina l-Onorabbli Qorti hija tal-fehma li t-tfittxija li saret fil-proprjeta' tar-rikorrenti gabet maghha xi tip ta' interferenza fit-tgawdija ta' dan id-dritt madankollu fil-fehma tal-esponenti dan l-ghemil ma jgibx bhala konsegwenza l-vjolazzjoni ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u/jew tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u dan peress illi tali interferenza hija mizura legittima u hija proprju intiza u mehtiega f' socjeta' demokratika u dan minhabba t-twettiq ta' reati.

Illi jinghad ukoll li t-tfittxija fil-proprjeta' tar-rikorrenti saru skont il-ligi u fil-kaz tar-rikorrenti Alfred Degiorio t-tfittxija fl-appartament fejn jirrisjedi saret fil-prezenza tieghu, it-tfittxija f' zewg proprjetajiet tieghu kif ukoll fil-vettura tar-rikorrenti Vincent Muscat saret fil-prezenza tieghu filwaqt li t-tfittxija fl-appartament fejn jirrisjedi r-rikorrenti George Degiorgio saret fil-prezenza tal-persuna li tabita mal-istess George Degiorgio.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni li 'terzi persuni' dahlu fil-fondi fejn saru t-tfittxijiet, dawn il-persuni li ghalihom qieghed jirriferu r-rikorrenti huma l-esperti tal-qorti li kienu gew nominati mill-Magistrat Inkwerenti fejn l-istess esperti ma elevaw l-ebda oggett izda kienu semplicement prezenti josservaw l-operazzjoni

tal-Pulizija madankollu kull ma sar fl-operazzjoni tat-tfittxija sar skont id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali u taht il-kappa tal-Inkjesta Magisterjali.

6. Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea naxxenti mit-tfittxija fil-proprjeta' tar-rikorrenti allegatament peress li ma nghatatx kopja tal-mandat tat-tfittxija, l-esponenti jissottomettu li l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi li jista' jkun hemm privazzjoni jew kontroll ta' uzu tad-dritt ghat-tgawdija tal-possediment meta dan ikun fl-interess pubbliku. Certament li investigazzjoni ta' reat kriminali huwa fl-interess pubbliku.

Illi huwa fl-interess tas-socjeta' in generali li jigu rizolti reati kriminali u l-mandat ta' tfittxija huwa mezz ta' natura urgenti li jahseb ghalih il-Kodici Kriminali sabiex oggetti relatati mat-twettiq ta' reati jinstabu u jigu elevati sabiex jingiebu quddiem il-qrati penali. Illi madankollu hemm ukoll cirkostanzi li ghalihom jahseb l-Artikolu 355E tal-Kodici Kriminali fejn huwa permissibbli li perkwizizzjoni ta' proprjeta' ssir minghajr il-htiega ta' hrug ta' mandat ta' tfittxija.

Illi certament li l-perkwizizzjoni tal-proprjeta' tar-rikorrenti saret skont id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali u ghal ghan legittimu li hija l-protezzjoni tas-socjeta' in generali. Illi r-rikorrent mhumiex qeghdin bl-ebda mod isofru piz eccessiv u sproporzjonat, ghaliex f' dan il-kaz, tenut kont tal-gravita' tar-reat kriminali inkwistjoni, l-interess generali ghandu jipprevali fuq dak tar-rikorrenti liema interess generali jiddetta li reati kriminali ghandhom jigu rizolti u s-socjeta' tigi protetta minn persuni perpetraturi ta' reati kriminali.

7. Illi jsegwi ghalhekk li l-ebda dritt garantit permezz tal-artikoli 5 (1) u 5 (2), 8 u mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-artikoli 37 u 38 tal-Kostituzzjoni ma gew mittiefsa bil-konsegwenza li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

9. Bl-ispejjez.'

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Lulju 2018 a fol 14 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza dehru r-rikorrenti assistiti minn Dr William Cuschieri u Dr Martin Fenech kif ukoll id-difensuri tal-Avukat Generali Dr Victoria Buttigieg u Dr Maurizio Cordina. Dehru wkoll Dr Therese Comodini Cachia u Dr Eve Borg Costanzi ghall-familja Caruana Galizia, prezenti Dr Peter Caruana Galizia, li prezentaw rikors *seduta stante* biex jintervjenu fil-kawza, u nghatat kopja tal-istess lid-difensuri tal-kontro-parti li nghataw ghaxart (10) ijiem biex jirrispondu. Il-Qorti ordnat l-inverzjoni tal-provi fuq it-tielet (3) eccezzjoni imqajjma mill-Avukat Generali. Il-kawza giet differita sabiex itella' l-provi tieghu l-Avukat Generali ghas-26 ta' Lulju 2018 fil-11:00a.m.

Rat ir-rikors tal-Avukat Peter Caruana Galizia (I.D.30056M), Matthew Caruana Galizia (I.D. 130886M), Andrew Caruana Galizia (I.D. 384287M) u Paul Caruana Galizia (I.D. 8989M) ipprezentat seduta *stante* fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2018 (fol 15) fejn talbu li din il-Qorti joghgobha tordna li huma jintervjenu fil-proceduri fl-ismijiet premessi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija ghar-rikors ta' Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia.

Rat ir-risposta tar-rikorrenti Alfred Degiorgio, George Gegiorgio u Vincent Muscat ghar-rikorsipprezentat fl-10 ta' Lulju 2018 ta' Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia (fol 26).

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 23 ta' Lulju 2018 (fol 28) kif isegwi:

'din il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi tilqa' t-talba u tordna lir-rikorrenti sabiex jintervjenu in statu et terminis fil-proceduri fl-ismijiet premessi.'

Rat ir-risposta tal-intervenuti fil-kawza l-Avukat Peter Caruana Galizia (I.D. 30056M), Matthew Caruana Galizia (I.D.130886M), Andrew Caruana Galizia (I.D. 384287M) u Paul Caruana Galizia (I.D. 8989M) datat 10 ta' Awwissu 2018 a fol 38 tal-process kif isegwi:

'1. Illi din ir-risposta qeghda ssir *ai termini* tal-verbal tas-26 ta' Lulju 2018 fejn il-Qorti kkoncediet lill-esponenti ghoxrin (20) gurnata ghal risposta.

2. Illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti qeghdin jilmentaw li:

- Ma gewx moghtija/murija mandat ta' arrest;

- Ma gewx infurmati dwar ir-ragunijiet ghall-arrest taghhom;

- Persuni li m'humiex membri tal-pulizija ezekuttiva accedew ghal u wettqu tfixxijiet gewwa l-Marsa;

- Ma gewx moghtija/murija mandat ta' tfittxija; u

- Uhud mit-tfittxijiet ma sarux fil-prezenza taghhom.

U li dan l-agir huwa kontra l-Artikolu 335AI, 335E, 355J tal-Kapitolu 9 u ta' l-Artikolu 5(1) u (2) u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 37 u 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

3. Illi in linea preliminari jigi sottomess illi anke mir-rikors promotur innifsu l-esponenti qeghdin jirrikonoxxu li ghandhom rimedju ordinarju taht l-Artikolu 409A tal-Kodici Kriminali u cioe` li jaghmlu dak li jissejjah fil-kamp penali, azzjoni *habeas corpus.* Din il-procedura kienet tkun l-iktar idonea ghall-ilment tal-esponenti ghaliex hija wahda ta' natura urgenti u li taghti rimedju f'temp ta' granet minflok xhur. Izda r-rikorrenti ghogobhom ma juzawx dan ir-rimedju u allura, anke ghalhekk biss, din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha a bazi tal-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-proviso tal-Artikol 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

4. Illi maghdud ma' dan u in linea preliminari wkoll, jigi sottomess illi qorti ta' indoli kostituzzjonali bhalma hija l-Qorti prezenti, ghandha setgha, skont l-istess Artikolu 4 tal-Kap 319 u l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, li tistharreg allegat ksur tal-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni u l-korrispondenti drittijiet misjuba fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk kull allegat ksur ta' ligi ordinarja kontenuta fir-rikors promotur huwa ghal kollox barra mill-kompetenza ta' din il-Qorti u ghandha tigi skartata u l-ilmenti tal-

esponenti mistharrga biss a bazi tal-allegat ksur tad-drittijiet fondamentali.

5. Illi l-ewwel ilment tar-rikorrenti, li "*ma gewx moghtija jew imqar murija madat ta' arrest u l-anqas gew infurmati dwar ir-ragunijiet ghall-arrest taghhom*" u li "*fil-fatt arrestawhom minghajr ma innotiflkawhom b'mandat ta' arrest.*" Jinghad *ab initio* li jidher mir-rikors promotur stess, illi matul il-prezentata tar-rikorrenti, l-Ispettur Keith Arnaud kien diga` xehed, u l-Qorti rrikonoxxiet, illi r-rikorrenti gew mgharrfa malli gew arrestati li kienu arrestati u ghal-liema raguni. Ghalhekk jidher illi din l-allegazzjoni hija kompletament inveritiera.

6. Illi ghar-rigward l-allegazzjoni li ma nghatawx u ma ntwerewx mandat ta' arrest u li gew arrestati minghajr ma gew notifikati b'mandat ta' arrest, jigi eccepit illi filwaqt illi r-rikorrenti kellhom kull dritt illi jigu infurmati bl-arrest taghhom u r-ragunijiet ghal tali, ma ghandhom ebda dritt naxxenti mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni Ewropea li jinghataw kopja tal-mandat ta' arrest. Fil-fatt jigi rilevat illi hemm diversi istanzi fejn il-pulizija l-anqas ma ghandhom bzonn mandat sabiex iwettqu arrest, izda dan ma jfissirx illi tali arrest ikun bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Huwa veru li l-Artikolu 355AI jipprovdi li mandat ta' arrest ghandu johrog b' tliet kopji li wiehed ghandu jigi notifikat lil min ghandu d-dritt jigi notifikat biha, izda ghandu jinghad illi oltre milli gew notifikati bil-mandat, l-imputati gew moghtija kopji tal-mandati personalment waqt illi kienu taht arrest. B'hekk l-obbligi tal-Artikolu 355AI gew ampjament sodisfatti (u bhalma nghad, jekk ir-rikorrenti hassew li ma kienux, setghu pprocedew quddiem il-Qorti tal-Magistrati skont l-Artikolu 409A).

7. Illi t-tieni ilment tar-rikorrenti huwa li "*persuni ohra li mhumiex membri tal-pulizija ezekuttiva accedew ghal u wettqu tfittxijiet gewwa l-Marsa.*" F'dan ir-rigward jigi eccepiet illi l-allegat persuni li mhumiex membri tal-pulizija ezekuttiva fil-fatt huma membri tal-pulizija Ewropea u fil-fatt membri tal-EUROPOL **mahtura bhala esperti mill-Magistrat Inkwerenti**, li skont ir-rikorrenti stess fir-rikors 52/2018 LSO pprezentat quddiem din il-Qorti kif preseduta fil-11 ta' Mejju 2018, bhala esperti tal-Qorti huma "*ghall-finijiet u effetti kollha jitqiesu* ***bhala l-lunga manus tal-Magistrat*** *jew l-Imhallef li jaghmlu dak ix-xoghol mehtieg mill-organu gudizzjarju izda mil-lat tekniku li jkunu jispeccjalizzaw fih.*" B'hekk l-esponenti jissottomettu li l-espert/i mahtura mill-Magistrat kellhom dritt daqs l-istess Magistrat li jaccedu fuq il-post u fi kwalunkwe kaz, huwa zgur illi l-prezenza tal-istess espert/i ma tikser ebda dritt fondamentali.

8. Illi r-rikorrenti jallegaw ukoll illi "*qabel ma saru tali tfittxijiet hadd mill-esponenti ma inghata jew imqar intwera mandat ta' tfittxija*" u li "*uhud mit-tfittxijiet ma sarux fil-prezenza tal-esponenti u inoltre gew elevati oggetti mhux fil-prezenza ta' l-esponenti.*'' Jigi sottomess illi ebda wahda minn dawn l-allegazzjonijiet ma jistghu jigu mgebbda b'tali mod li jwasslu ghal vjolazzjoni ta' xi dritt fondamentali. Ghalkemm huwa minnu li skont l-Artikolu 3551 tal-Kap 9 "*L-ufficjal esekutur ghandu jaghti kopja tal-mandat lill-persuna li tkun toqghod u tkun prezenti fil-post imfittex jew lil kull persuna ohra li tkun tidher lil dak l-ufficjal bhala li tkun inkarigata mill-istess post u li tista' tkun hemm prezenti waqt it-tfittxija*", jerga' jinghad illi ksur ta' tali Artikolu (u dan avolja li l-esponenti jissottomettu li l-anqas ma gie vjolat dan l-Artikolu) ma jwassalx ghal ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.

9. Illi dwar l-ilment tar-rikorrenti li ma kienux prezenti waqt xi tfittxijiet, jinghad, illi ghalkemm jerga' jigi mtenni li dan qatt ma jista' jwassal ghal ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom (u fil-fatt l-anqas biss ma gie allegat xi ksur tad-drittijiet a bazi ta' dan l-agir), skont l-Artikolu 3551 tal-Kap 9, jidher illi ma hemm ebda necessita`, anqas fil-ligi ordinarja, li jkunu prezenti r-rikorrenti, u dan ghaliex, tali Artikolu jipprovdi li l-mandat ta' tfittxija jista' jinghata lill-persuna li tkun prezenti u li jidher li hija inkarigata bl-istess post u "*jekk ma jkunx hemm persuna prezenti li l-ufficjal esekutur ikun jidhirlu li tkun inkarigata mill-post, il-kopja tal-mandat ghandha tithalla fil-post b'tali mod li tkun facilment tidher.*"

10. Illi jinghad illi skont Kap 9, il-PuIizija lanqas biss ma kellha bzonn mandat ta' tfittxija sabiex tezegwixxi t-tfittxijiet f' dan il-kaz u dan ghaliex l-Artikoli 355K u 355L jipprovdu l-kazijiet fejn il-Pulizija tista' taghmel tfittxijiet minghajr mandat, u huwa ferm ovvju li l-kaz odjern jaqa' kemm taht l-Artikolu 355K, kif ukoll taht l-Artikolu 355L u ghalhekk, tant izjed m'ghandhomx ragun ir-rikorrenti, ghaliex, fil-fatt, f' dan il-kaz, lanqas ma kien hemm ghalfejn ikollhom mandat l-ufficjali tal-Pulizija, wisq inqas kellhom dritt jaraw l-istess mandat ir-rikorrenti.

11. Illi r-rikorrenti jikkonkludu r-rikors promotur taghhom billi jghidu li "*ghal dawn ir-ragunijiet il-lanjanza ta' l-esponenti hija fis-sens illi fil-konfront taghhom gew lezi l-Artikolu 5 (1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea ...l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni...l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea...l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni... u l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropea.*" U dan minghajr ma taw ebda spejgazzjoni ta' kif, fil-fehma taghhom, gew lezi dawn id-drittijiet.

12. Illi l-esponenti jissottomettu li ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-Artikolu 5(1) u (2), li fil-parti rilevanti taghhom jipprovdu:

*"(1) Hadd ma ghandu jigi pprivat mil-liberta` tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skont il-procedura preskritta bil-ligi:*
*Omissis*

***(c) l-arrest jew detenzjoni skont il-ligi ta' persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorita` legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat;***

*Omissis*

*(2) Kull min ikun arrestat ghandu jigi nfurmat minnufih, f'lingwa li jifhem, dwar ir-ragunijiet tal-arrest tieghu u dwar kull akkuza kontra tieghu."*

Jidher illi l-arrest tar-rikorrenti kien jinkwadra ruhu perfettament fit-termini tal-Artikolu 5 (1)(c) u (2) tant illi kien ghal skop legittimu, skont il-ligi u li l-istess rikorrenti gew infurmati dak il-hin stess mill-Ispettur Keith Arnaud ghalxiex kienu qeghdin jigu arrestati - fatt accettat mir-rikorrenti innifishom fil-gurnata tal-prezentata taghhom.

13. Illi ghalhekk huwa zgur li ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 5 fil-konfront tar-rikorrenti.

14. Illi ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni jigi sottomess illi ghalkemm l-ewwel sub-inciz ta' dan l-Artikolu jistipula li *"Hlief bil-kunsens tieghu stess jew b'dixxiplina tal-genituri,*

*hadd ma ghandu jigi assoggettat ghat-tfittix fuq il-persuna tieghu jew proprjeta` tieghu jew ghad-dhul minn ohrajn fil-post tieghu*", ikun assurd u dizleali lejn il-Qorti jekk ma jigix ukoll innotat illi t-tieni sub-inciz tal-istess Artikolu jipprovdi, fil-parti rilevanti tieghu li:

"*(2) Ebda haga li hemm fi jew li hija maghmula skont l-awtorita ta' xi ligi ma ghandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-Artikolu safejn dik il-ligi taghmel provvediment -*

*Omissis*

*(d) li jawtorizza, ghall-fini ta' esekuzzjoni ta' sentenza jew ordni ta ' qorti, it-tfittix ta' xi persuna jew proprjeta` b'ordni ta' qorti jew dhul f' xi post b'ordni bhal dak, jew li jkun mehtieg sabiex jigu evitati jew mikxufa reati kriminali, u hlief safejn dak il-provvediment jew, skont il-kaz, il-haga maghmula skont l-awtorita` tieghu, hija murija li ma tkunx gustifikabbli ragonevolment f' socjeta` demokratika.*"

Ghalhekk, peress illi t-tfittix in kwistjoni sar fuq ordni tal-qorti, hekk skont is-sub-inciz (2)(d) tal-istess Artikolu, qatt ma seta' kien hemm vjolazzjoni ta' dan l-Artikolu.

15. Illi dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, li jipprovdi:

"*(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.*

*(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita` pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skont il-ligi u li jkun mehtieg f'socjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-*

*ghemil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor."*

Ghalkemm ma huwiex car, kif, skont ir-rikorrenti, gie vjolat dan id-dritt, l-esponenti jissottomettu li ebda tfittxija li saret fil-konfront tal-proprjeta' tar-rikorrenti ma tista' titqies illi kisret dan l-Artikolu u dan ghaliex ghandu jkun ferm ovvju li t-tfittxijiet saru fuq ordni tal-qorti u ghalhekk skont il-ligi, ghall-iskop illi tigi identifikata prova fil-konfront tar-rikorrenti ghar-reat serjissimu ta' qtil volontarju u premeditat ta' gurnalista; haga li zgur hija mehtiega f' socjeta' demokratika, u oltre minn hekk, haga li kien id-dmir tal-Istat li jaghmel sabiex jizgura li l-obbligi pozittivi tieghu taht l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni jigu sodisfatti.

16. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax anqas issib vjolazzjoni ta' dan l-Artikolu.

17. Illi ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jigi sottomess illi dan l-Artikolu jipprotegi lill-individwi kontra t-tehid sforzjuz ta' proprjeta` mill-Gvern jekk mhux fl-interess pubbliku u versu kumpens gust. Fi hdan l-istess Artikolu, wiehed isib ukoll is-segwenti eccezzjonijiet:

"*(2) Ebda haga f'dan l-Artikolu ma ghandha tiftiehem li tolqot l-ghemil jew hdim ta' xi ligi safejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta`:*

*Omissis*

*(h) fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew* ***ordnijiet ta' qrati;***

*Omissis*

***(k) ghal dak iz-zmien biss sakemm ikun mehtieg ghall-finijiet ta' xi ezami, investigazzjoni, kawza jew inkjesta***
*jew, fil-kaz ta' art, l-ghemil fuqha –*

*(i) ta' xoghol ta' konservazzjoni ta' hamrija jew il-konservazzjoni ta' rizorsi naturali ohra ta' kull xorta jew ta' rikostruzzjoni ta' hsara tal-gwerra; jew*

*(ii) ta' zvilupp jew titjib agrikolu li s-sid jew okkupant tal-art ikun gie mitlub, u jkun minghajr skuza ragonevoli u legali rrofta jew naqas li jaghmel."*[1]

18. Illi ghalhekk, huwa ghal darb'ohra, ferm ovvju li t-tehid temporanju tal-proprjeta' tar-rikorrenti kien jaqa' taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 37 stess li jipprovdi ghall-kazijiet bhal dak odjern meta proprjeta' tittiehed fuq ordni tal-Qorti, liema tehid, allura, ma jivvjola ebda drittijiet

19. Illi bla pregudizzju ghal dak suespost, ghandu jinghad ukoll illi t-test li l-Qorti Ewropea tadotta f'kazijiet fejn jigi invokat id-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta` hija msejjsa fuq erba' mistoqsijiet:

1) Kienx hemm interferenza f' dak id-dritt; jekk iva,

2) kinitx wahda legali,

3) kinitx intiza ghal skop legittimu u

4) kinitx necessarja f' socjeta' demokratika.

F'dan ir-rigward l-esponenti jissottomettu li t-tehid temporanju tal-possedimenti tar-rikorrenti mhuwiex tehid sforzjuz ghaliex fil-fatt ir-rikorrenti ghadhom is-sidien tal-possedimenti in kwistjoni; *se mai*, ghandu jitqies bhala kontrol ta' uzu li kien wiehed legali - skont il-ligi u taht ordni tal-Qorti, intiz ghal skop legittimu u cioe` sabiex tali possedimenti jiffurmaw prova f' kumpilazzjoni fi qtil ta' gurnalista u ampjament necessarja f' socjeta` demokratika fejn il-poplu jesigi gustizzja, sigurta` u fuq kollox accertazzjoni li d-dritt taghhom ghal-liberta' tal-espressjoni jigi mhares; hekk kif ukoll huwa dritt tal-familja tal-vittma li jkollhom investigazzjoni u kawza penali effikacja u effettiva hekk skont l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni.

20. Illi ghalhekk jigi sottomess illi anke li kieku is-sitwazzjoni odjerna ma kinitx taqa' taht l-eccezzjonijiet kontenuti fis-sub-inciz (2)(h) u (k), xorta wahda ma kien ikun hemm ebda lok li tinstab vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

21. Illi l-istess jinghad ghall-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea li jipprovdi eccezzjoni f'kaz ta' enfurzar ta' ligijiet dwar il-kontroll ta' uzu tal-proprjeta' skont l-interess generali. Jinghad illi l-kontroll ta' uzu tal-possedimenti tar-rikorrenti huwa kjarament fl-interess generali ghaliex huwa intiz sabiex il-possedimenti jifformaw parti mill-prova f' kumpilazzjoni ghaddejja ghall-qtil ta' gurnalista.

22. Illi r-rikorrenti talbu in konsegwenza tal-allegati vjolazzjonijiet tad-drittijiet taghhom, ir-rilaxx immedjat taghhom u ta' kwalunkwe oggett illi gie elevat matul it-tfittxija msemmija fir-rikors promotur u l-isfilz ta' kwalunkwe oggett li seta' gie esebit bhala parti mill-prova fil-kumpilazzjoni ghaddejja fil-konfront taghhom. L-esponenti jissottomettu, bir-rispett, illi t-talba tar-

rikorrenti hija illogika - dan jinghad ghaliex anke li kieku *dato ma non concesso* huwa l-kaz illi kien hemm vjolazzjoni tad-dritt taghhom ghar-rigward l-oggetti elevati fil-prezenza ta' membru/i tal-EUROPOL u mhux fil-prezenza taghhom, sabiex huma jitqieghdu fl-istat li kienu fih qabel ma sehhet din l-allegata vjolazzjoni, li kieku wiehed seta' jregga' l-arlogg lura, kellhom imorru lura ghal dik il-gurnata tat-tfittxija u l-istess tfittxija ssir minghajr il-prezenza tal-membru/i tal-EUROPOL u minflok, fil-prezenza taghhom - izda dan mhuwiex possibbli. F'kazijiet bhal dawn, fejn ma huwiex possibbli li l-persuna titqieghed fl-istat li kienet fiha qabel ma saret il-vjolazzjoni, ir-rimedju ghal dik il-persuna jkun kumpens.

23. Illi ghalhekk l-esponenti jissottomettu li t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.'

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti diversament preseduta inkluz dak tas-seduta tat-Tlieta, 20 ta' Novembru 2018 fejn il-provi fuq l-eccezzjoni ta' non-ezawriment tar-rimedji ordinarji gew dikjarati maghluqa u l-kawza giet differita ghad-decizjoni dwar l-istess eccezzjoni wara li l-Qorti awtorizzat lill-partijiet jipprezentaw sottomissjonijiet bil-miktub.

Rat li permezz ta' decizjoni preliminari datata l-14 ta' Frar, 2019 din il-Qorti diversament preseduta dwar it-tielet eccezzjoni tal-intimati dwar in-non ezawriment tar-rimedji ordinarji ghad-disposizzjoni tar-rikorrenti ddecidiet kif isegwi:

'Ikkonsidrat li permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrenti fil-kawza Alfred Degiorgio, George Degiorgio u Vincent Muscat qed jilmentaw minn ksur tad-drittijiet taghhom kif sanciti bl-**artikoli**

**5(1) u (2),** u **tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali** (*"il-Konvenzjoni")*, kif ukoll tal-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll** tal-istess Konvenzjoni, u mid-drittijiet kif sanciti **bl-artikoli 37 u 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** (*"il-Kostituzzjoni").* Fis-sustanza huma qed jimpunjaw il-legalita' tal-arrest u tat-tfittixijiet li saru f'diversi fondi, fl-4 ta' Dicembru 2017, u dan *stante* l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-kors tal-arrest u tat-tfittxija, bi ksur tal-**art 355AI u 355E u 355J tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.** Bl-istess fattispecie allegat, jghidu li sofrew volazzjoni tad-drittijiet l-ohra sanciti.

Huma jallegaw:

- li ma gewx moghtija/murija kopja tal-mandat tal-arrest;
- li ma gewx infurmati dwar ir-ragunijiet ghall-arrest taghhom;
- Meta tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-5 ta' Dicembru 2017 inghataw kopja tal-mandat ta' arrest u tfittxija datata it-2 ta' Dicembru 2017 ben 36 siegha wara li kienu gew arrestati;
- Ma gewx murija/moghtija mandat ta' tfittxija;
- Waqt it-tfittxija hadd minnhom ma kien prezenti;
- Pesuni li mhumiex membri tal-pulizija ezekuttiva accedew ghal u wettqu tfittxijiet u gew elevati oggetti.

**Fatti fil-Qosor**

**Ikkunsidrat** li fil-5 ta' Dicembru 2017, ir-rikorrenti tressqu b'arrest akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fis-16 ta' Ottubru 2017 wara nofsinhar u fix-xhur ta' qabel dolozament bil-hsieb illi joqtlu lill-persuna, u cioe`, Daphne Caruana Galizia, jew li jqeghdu l-hajja taghha f'periklu,

ikkagunawlha il-mewt. Huma gew arrestati gewwa l-Marsa fl-4 ta' Dicembru 2017, u f'dik il-gurnata saru wkoll tfittxijiet fil-Marsa u f'postijiet ohra f'San Pawl il-Bahar, l-Imsida u s-Siggiewi, minn fejn gew ukoll elevati xi oggetti.

Fil-prezentata taghhom, ir-rikorrenti kkontestaw l-arrest *tramite* l-avukat taghhom *stante* li l-mandat ta' arrest inghatalhom 36 siegha wara l-arrest. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, ikkonvalidat l-arrest wara li semghet lill-Ispettur Keith Arnaud u kkonstatat *inter alia* li l-imputati gew infurmati dwar l-arrest hekk kif gew arrestati, u li tressqu quddiem il-Qorti fit-terminu ta' 48 siegha.

Illi ma istitwewx proceduri ta' *habeas corpus.*

**Xhieda u Provi**

Xehed l-**Ispettur Keith Arnaud** (seduta tas-26 ta' Lulju 2018) li kkonferma li hu, flimkien mal-Ispettur Kurt Zahra, huma l-ufficjali prosekuturi fil-kumpilazzjoni li hija ghaddejja kontra r-rikorrenti. Qal li dak il-hin li dahlu l-pulizija, l-prijorita' kienet ghas-sikurezza u wara li r-rikorrenti gew immannettjati, tahom l-informazzjoni dwar l-arrest u l-iskop tal-arrest. Qal ukoll li huma ma oggezzjonawx ghat-tfittxijiet. Qal izda li George Degiorgio kien qajjem ilment dwar it-tfittxijiet billi ma kienx prezenti, izda kienet prezenti l-*partner* tieghu. Dan ghar-rigward it-tfittxija fl-appartament f'San Pawl il-Bahar li tghix fl-appartment.

**In Kontro-ezami** qal li kien hemm mandat wiehed li kien jinkorpora l-arrest u t-tfittxija fil-kaz ta' kull wiehed mir-rikorrenti. Ikkonferma li l-mandat kien inghatalhom tard matul il-kors tal-arrest. Pero` sahaq li kien infurmahom li kienu arrestati u

ghalxiex. Meta ittiehdu il-*lock up* inghataw dokument fejn kien hemm elenku tad-drittijiet taghhom.

Rega' xehed in kontro-ezami (seduta tas-26 ta' Ottubru 2018) li kkonferma li kien taha l-mandat ta' arrest u tfittxija lir-rikorrenti fl-ahhar tat-tfittxijiet u li kien informa lir-rikorrenti li huma arrestati u ghalxiex mal-ewwel mumenti tal-arrest.

Xehed ukoll **Alfred Degiorgio** (seduta tal-5 ta' Ottubru 2018) wara li nghata d-debita kawzjoni minn din il-Qorti, u qal li kienu oggezzjonaw fl-ewwel gurnata meta tressqu quddiem il-Qorti, ghall-arrest u ghat-tfittxija billi ma gewx murija mandat ta' tfittxija u lanqas ta' arrest. Dik kienet l-unika darba. Il-mandat kien wiehed - kemm ta' arrest kif ukoll ta' tfittxija. Il-mandat inghatalu 36 siegha wara l-arrest u t-tfittxija.

Xehed ukoll b'affidavit (fol 66) fejn qal li meta dahlu l-pulizija flimkien ma′ membri tal-forzi armati u tas-servizzi tas-sigurta` tal-bahar, u rabtuhom wicchom 'l isfel, qalulu li kien qieghed taht arrest izda ma tawhx ir-raguni ghaliex kien qed jigi arrestat. L-istess sehh lir-rikorrenti l-ohra. Tul il-hin kollu tat-tfittxija baqghu ma gewx murija mandat ta' arrest u tfittxija u baqghu ma gewx infurmati bir-ragunijiet tal-arrest.

Qal li mill-Marsa ttiehed lejn il-Kwartieri Generali tal-Pulizija u minn hemm lejn San Pawl il-Bahar fejn kien hemm gja il-Pulizija billi c-cwievet tad-dar ittiehdu meta kien il-Marsa. Kien hemm ukoll pulizija tal-Europol. Meta l-ghada filghaxija ittiehed ghat-test tad-DNA, ukoll ma nghatax u ma ntweriex il-mandat u ma nghatax ir-raguni ghall-arrest. Il-mandat inghatalu ftit wara mill-Ispettur Arnaud u kien datat it-2 ta' Dicembru 2017 u gie infurmat dwar ir-raguni tal-arrest.

Xehed ukoll **George Degiorgio** fl-istess seduta, izda apparti l-konferma li l-Avukat Valenzia kien ressaq oggezzjoni ghall-mandat ta' tfittxija u ta' arrest fl-ewwel seduta, ma kienx jaf jixhed dwar jekk sarux xi proceduri ohra wara dik id-data.

Xehed ukoll b'affidavit (**fol 68)** li rrefera ghat-tfittxija li saret fir-residenza tieghu fejn kien hemm il-partner tieghu Anca Adelina Pop waqt it-tfittxija.

**Artikolu ta' Ligi Ordinarji citati fir-rikors promotur:**

Ir-rikorrenti jibbazaw l-ilment taghhom fuq allegat ksur tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-artikoli **355A1, 355E u 355J tal-Kodici Kriminali ta' Malta (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)** li jiddisponu:

*"**355AI.** Ħlief fil-każ ta' mandat li jiġi trasmess bil-facsimile, mandat għandu jsir bi tliet kopji ffirmati li waħda minnhom għandha tinżamm mill-Maġistrat filwaqt li l-oħrajn għandhom jingħataw lill-uffiċjal tal-Pulizija li għandu jżomm kopja waħda fl-inkartamenti tiegħu u jara li l-kopja l-oħra tiġi notifikata lill-persuna li lilha din għandha tiġi notifikata: Iżda meta uffiċjal tal-pulizija jiltaqa' ma' persuna li kontriha jkun inħareġ mandat ta' arrest u, għalkemm ma jkollux fuqu kopja tal-mandat, l-uffiċjal tal-pulizija jkun jaf li l-mandat ikun hekk inħareġ, l-uffiċjal għandu jarresta lil dik il-persuna u jinnotifikaha bil-kopja tal-mandat mal-ewwel opportun."*

"**355*E*.** *(1) Salvi l-każijiet fejn il-liġi tipprovdi xort'oħra, ebda uffiċjal tal-Pulizija ma għandu, sakemm ma jkollux mandat minn Maġistrat, jidħol f'xi lokal, dar, bini jew reċint għall-fini li jagħmel xi perkwiżizzjoni hemm ġew jew li jarresta lil xi persuna li tkun għamlet reat jew li tkun*

*raġonevolment suspettata li tkun għamlet jew li tkun se tagħmel xi reat, ħlief jekk -*

*(a) ir-reat ikun delitt, u jkun hemm periklu imminenti li dik il-persuna tista' taħrab jew li l-corpus delicti jew il-provi dwar ir-reat jistgħu jiġu mneħħija; jew*

*(b) il-persuna tinkixef fl-att tal-għemil tar-reat innifsu,jew*

*(ċ) l-intervent tal-pulizija jkun meħtieġ sabiex jipprevjeni l-għemil ta' delitt, jew*

*(d) d-dħul ikun meħtieġ għall-esekuzzjoni ta' xi mandat jew ordni maħruġin minn xi awtorità kompetenti oħra fil-każijiet preskritti bil-liġi; jew*

*(e) l-arrest ikun għall-fini li persuna tinqabad li tkun għadha tiġri barra kontra l-liġi wara li tkun ħarbet minn arrest jew detenzjoni leġittimi; jew*

*(f) id-dħul ikun meħtieġ għall-finijiet li:*

*(i) jiġi eżegwit l-arrest ta' xi persuna jew biex jiġi aċċertat fejn tkun tinsab persuna li dwarha jkun ingħata allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u jkun hemm periklu imminenti li dik il-persuna tista' taħrab; jew*

*(ii) jsir is-sejbien ta' xi proprjetà li dwarha jkun ingħata allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u jkun hemm periklu imminenti li dik il-proprjetà tista' tinħeba, tintilef, titgħarraq,tinbidel jew tinqered; jew*

*(g) id-dħul ikun neċessarju għall-protezzjoni ta' xi persuna.*

*(2) Il-frażi "reċint" ma tinkludix biċċa art mdawra b'ħitan tas-sejjieħ.*

*(3) Jista' wkoll jinħareġ mandat minn Maġistrat kif imsemmi fis-subArtikolu (1) sabiex:*

*(a) isir l-arrest jew biex jiġi aċċertat fejn tkun tinsab persuna li dwarha jkun ingħata allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen; jew*

*(b) jinkixef u tiġi elevata xi proprjetà li dwarha jkun ingħata allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen."*

***"355J.** Kull perkwiżizzjoni li ssir b'mandat għandha tkun perkwiżizzjoni limitata għal dak li hu meħtieġ għall-finijiet li għalihom ikun inħareġ il-mandat:*

*Iżda jekk, matul il-perkwiżizzjoni, jinkixfu reati li ma jkunux dawk imsemmija fil-mandat, il-perkwiżizzjoni tista' testendi kif meħtieġ għall-finijiet ta' dawk ir-reati l-oħra."*

**Non Ezawriment ta' Rimedji Ordinarji -** Proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar din l-eccezzjoni, l-Qorti jkollha, min-natura tal-eccezzjoni nfisha, tqisha fuq il-bażi ta' dak li jidher mill-atti '*prima facie*'. Ma jistax ikun mod ieħor, għaliex jekk il-Qorti kellha tidħol biex tqis il-provi fil-mertu, jkun ifisser li diga' tkun qieset li hija sejra twettaq il-gurisdizzjoni tagħha. Madankollu, mhux eskluż li l-Qorti jkollha tisma' xi provi biex tistħarreg jekk kemm-il darba r-raguni migjuba mill-intimat (per eżempju, dwar l-eżistenza ta' rimedju ordinarju alternativ[1]) hijiex waħda ta' min joqgħod fuqha. . . . . .

. . . .Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, l-ewwel osservazzjoni li ghandha tinghata riliev johrog minn ezami tar-rikors promotur, li fuqu hija arginata l-kawza odjerna. Jirrizulta li r-rikorrenti mhumiex qed jittentaw jimpunjaw il-validita' tal-ligi ordinarja, imma qeghdin jikkontestaw il-legalita' tal-agir tal-Pulizija ezekuttiva waqt l-operazzjoni ta' arrest u tat-tfittxija imsemmija. Anzi jinkwadraw l-ilment taghhom b'mod preciz f'dak dispost fl-artikoli 355A1, 355E u 355J tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u jghidu li l-pulizija agixxew bi ksur ta' dawn id-disposizzjonijiet

tal-ligi ordinarja *stante* li damu 36 siegha biex jottemperaw ruhhom *ad letteram* mal-kliem tal-ligi. Fuq dan il-bazi, imbaghad, ikomplu jallegaw li sofrew ksur ta’ jeddijiet ohra garantiti li jmorru lil hinn minn kontestazzjoni tal-legalita' ta' arrest jew detenzjoni, billi jifirxu fuq allegat ksur tad-dritt ghall-privatezza, u ghat-tgawdija tal-proprjeta' (riferibbilment ghat-tfittxijiet li saru).

Illi l-intimati in sostenn tal-eccezzjoni taghhom, jargumentaw li dawn huma kwistjonijiet li huma regolati permezz tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali u li bit-thaddim tal-istess il-Qrati ordinarji ghandhom il-poter li jiddisponu minn kwistjonijiet bhal dawn, senjatament, fil-kaz odjern, anke l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Tant hu hekk, li r-rikorrenti stess uzaw ir-rimedju ordinarju meta kkontestaw l-arrest u t-tfittxija taghhom fil-prezentata quddiem dik il-Qorti.

Ikkunsidrat li jispetta lill-eccipjent li jindika r-rimedji ordinarji applikabbli, u f'dan il-kaz, l-intimati indikaw l-Artikolu 412B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta (talba ghall-helsien mill-arrest maghmula minn persuna arrestata fil-kors ta' proceduri kriminali fejn tigi attakkata il-validita' tal-kontinwazzjoni tad-detenzjoni). L-intervenuti rreferew ghall-Artikolu 409A tal-Kap 9 li setghet toffri rimedju lir-rikorrenti qabel ma tressqu  b'imputazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja.

Dawn l-artikoli jiddisponu hekk:

*"409A. (1) Kull min jallega li <u>jkun qiegħed jiġi detenut</u> kontra l-liġi taħt l-awtorità tal-Pulizija jew ta’ xi awtorità pubblika oħra <u>mhux f’dak li għandu x’jaqsam ma’ xi reat li dwaru qiegħed jiġi imputat jew akkużat f’xi qorti</u>, jista’ f’kull waqt jagħmel rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, li għandu jkollha l-istess setgħat li għandha l-istess qorti*

*bħala qorti istruttorja, fejn jitlob il-ħelsien tiegħu mill-kustodja. Rikors bhal dak għandu jiġi appuntat għas-smigħ bl-urgenza u r-rikors flimkien mad-data tas-smigħ għandhom jiġu notifikati fl-istess jum li jsir ir-rikors sew lir-rikorrent sew lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-awtorità pubblika li taħt l-awtorità tagħha r-rikorrent ikun qiegħed jallega li qiegħed jiġi detenut kontra l-liġi. Il-Kummissarju tal-Pulizija jew l-awtorità pubblika, skont il-każ, jistgħu jippreżentaw risposta sa mhux aktar tard mill-jum tas-smigħ.*

*(3) Jekk il-qorti, wara li tkun semgħet il-provi miġjuba u s-sottomissjonijiet maghmula mir-rikorrent u mill-intimat, jirriżultalha li l-kontinwazzjoni tal-arrest tar-rikorrent ma tkun imsejsa fuq ebda dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi j<u>ew ta' xi liġi oħra li tkun tawtorizza l-arrest u d-detenzjoni tar-rikorrent,</u> din għandha tilqa' r-rikors. Jekk ikun xort'oħra l-qorti għandha tiċħad ir-rikors."*
(sottolinear ta' din il-Qorti).

*"412B. (1) Kull min ikun jinsab taħt arrest għal reat li dwaru jkun qed jiġi imputat jew akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u li, f'kull stadju ieħor minbarra dak li jirreferi għalih l-Artikolu 574A, jallega li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tiegħu ma tkunx skont il-liġi, jista' f'kull waqt jagħmel rikors lill-qorti fejn jitlob il-ħelsien tiegħu mill-arrest. Rikors bhal dak għandu jiġi appuntat għas-smigħ b'urġenza u flimkien mad-data tas-smigħ għandu jiġi notifikat fl-istess jum li jsir lill-Kummissarju tal-Pulizija jew, skont il-każ, lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Ġenerali, li jistgħu jippreżentaw risposta għalih sa mhux aktar tard mill-jum tas-smigħ."*

L-intimati irreferew ghall-fatt li r-rikorrenti utilizzaw ir-rimedju ordinarju fl-ewwel seduta, izda t-talba giet michuda u l-arrest gie kkonvalidat. Skont l-intimati l-fatt innifsu li l-oggezzjoni tar-rikorrenti ma kellhiex ezitu favoreveli b'ebda mod ma jnaqqas mill-effikacja u effettivita' tal-istess rimedju ordinarju.

Illi l-intervenuti fil-kawza jaghmlu referenza ghall-**Artikolu 409A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta** li hija l-procedura li toffri rimedju effikaci u adegwat ghal-lanjanzi tar-rikorrenti. Jargumentaw li r-rikorrenti setghu, malli gew arrestati, facilment iressqu talba taht din id-disposizzjoni billi kienu biss suspettati, u billi, kif irrizulta mix-xiehda ta' tnejn minnhom, hassew li l-arrest taghhom ma kienx wiehed legali, setghu jressqu rikors ghall-helsien taht dan l-Artikolu.

L-intervenuti jaqblu li wara li gew akkuzati bil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, r-rikorrenti kellhom rimedju iehor ordinarju li setghu jinvokaw, skont l-Artikolu **412 B tal-Kodici Kriminali**. "*B'hekk anke fl-istadju wara li gew akkuzati, ir-rikorrenti kellhom, u fil-verita' ghad ghandhom dan ir-rimedju adegwat ghad-disposizzjoni taghhom, izda ghal darb'ohra, ir-rikorrenti ghazlu li ma juzawx dan ir-rimedju u ppreferew jirrikorru ghal procedura straordinarja.*"

Ghal dak li jirrigwarda it-tfittxija, l-intervenuti ssottomettew li r-rikorrenti setghu jikkontestaw il-prezentata tal-oggetti elevati quddiem il-Qorti Istruttorja u jitolbu l-isfilz taghhom, izda ghal darb' ohra ma ghamlu xejn minn dan.

Inoltre l-proceduri ghadhom fi stadju ta' kumpilazzjoni fejn il-Pulizija ghadhom qed iressqu l-provi taghhom. B'dan ma jfissirx li kull prova ser tintuza fl-istadu tal-guri billi wara li tispicca l-kumpilazzjoni u jitqieghdu taht Att ta' Akkuza, id-difiza tista' tqajjem eccezzjoni dwar l-ammissibilita' *o meno* tal-evidenza. Jaghmlu referenza ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Carmel Saliba v Malta** (App 24221/13. 29 Novembru 2016), izda dan il-kaz jirrigwarda l-jedd ghas-smigh xieraq, li mhuwiex il-mertu ta' din il-kawza.

L-intervenuti jsostnu ukoll li jekk din il-Qorti taghzel biex tezercita l-gurisdizzjoni taghha tkun qed tusurpa l-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji (senjatament dawk ta' kompetenza kriminali) kontra l-principju ben maghruf tas-sussidjarjeta' tal-gurisdizzjoni kostituzzjonali. L-intimati, da parti taghhom, jghidu li r-rimedju kostituzzjonali u konvenzjonali huwa wiehed eccezzjonali.

Indubbjament il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, fis-Sede Kostituzzjonali taghha, temani **mill-Artikoli 47(2) tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 4(2) tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.** Din hija gurisdizzjoni originali vestita f'din il-Qorti biex tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna li qed tfittex protezzjoni minn, u rimedju ghal, xi lezjoni, attwali jew potenzjali, tal-libertajiet u tad-drittijiet fondamentali mfissra fid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 33 sa 45 (magħdudin) tal-Kostituzzjoni, jew ta' xi dritt protett permezz tal-Konvenzjoni Ewropea.

Dan premess, din il-Qorti ma tistax takkolji l-iskematika rigida proposta mill-eccipjenti. Minn ezami akkurata tal-*proviso* premess ma jirrizultax li l-legislatur ried li jistabbilixxi bhala principju assolut fil-ligi kostituzzjonali taghna, li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha ghandha dejjem u tassativament tezawrixxi r-rimedji kollha disponibbli skont il-ligi ordinarja, inkluzi dawk ir-rimedji li ma jkunux ragonevolment mistennija li jkunu effettivi u accessibbli. . . .

. . . . Illi fil-kaz odjern, ir-rikorrenti qed jilmentaw li sofrew lezjoni tal-artikoli 5(1) u (2) tal-Konvenzjoni (dritt ghal-liberta' u ghas-sigurta' tal-persuna); tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni (dritt ghar-rispett tal-hajja privata

tieghu u tal-familja, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu); u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti). Huwa minnu li l-ilmenti tar-rikorrenti kollha jippernjaw fuq il-legalita' tal-arrest u tat-tfittxija, izda 'legalita' ghandha tifsira awtonoma fil-qafas tal-protezzjoni tad-drittijiet konvenzjonali, fejn ir-restrizzjoni ghad-dritt sancit bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ghandu jkun wiehed "*according to law*", ghall-ghan legittimu u fejn l-indhil jkun proporzjonat ghall-ghan immirat.

Ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, skont l-awturi **Harris, O'Boyle & Warwick**[2] "*The overarching principles (of art. 5) can be summarised as follows:*

*(i) The detention has a basis, and is in conformity with the applicable domestic law; and*
*(ii) domestic law satisfies Convention standards as to the 'quality of the law' (it is sufficiently ascertainable and certain); and*
*(iii) the application of that domestic law is in conformity with the general principles of the Convention: the detention must properly be for one of the grounds covered by Article 5(1)(a)-(f) as interpreted by the Court*[3] *and the individual must be protected from arbitrariness.*"

Illi l-intimati jsostnu li r-rimedju provdut bl-Artikolu 412B tal-Kap 9 huwa rimedju effettiv billi jipprospetta l-possibilita' li tigi attakkata l-validita' tal-arrest. Il-legalita' kemm tal-arrest kif ukoll tat-tfittxija tista' tigi kkontestata quddiem il-Qrati ordinarji li huma idonei biex ir-rikorrenti jilhqu l-ghan taghhom, kif fil-fatt gja ghamlu permezz tat-talba li ressqu mal-prezentata.

---

[2] *Law of the European Convention on Human Rights* (3rd Ed. pp 301)
[3] Referenza ghall-Qorti Ewropea

B'zieda ma' dan, l-intervenuti ssottomettew li r-rikorrenti ghandhom a disposizzjoni taghhom rimedju biex jitolbu l-isfilz tal-oggetti elevati jekk, kif qed jghidu, inkisru d-disposizzjonijiet tal-ligi, izda ghal darb' ohra, ghazlu li ma jaghmlu xejn minn dan. Jirrilevaw li l-proceduri ghadhom fi stadju ta' kumpilazzjoni u f'kaz li jitressqu taht l-Att ta' Akkuza, r-rikorrenti jkollhom l-opportunita' li jressqu d-difiza taghhom fejn anke jistghu jitolbu l-isfilz tal-oggetti elevati.

Illi bi twegiba ghas-sottomissjonijiet tal-intimati u tal-intervenuti, r-rikorrenti jibdew biex jghidu li l-Artikolu 409A tal-Kap 9 m'ghadux iktar disponibbli ghar-rikorrenti billi japplika ghal dak li jigi detenut "*mhux f'dak li għandu x'jaqsam ma' reat li dwaru qiegħed jiġi imputat jew akkużat f'xi qorti.*" Hawnhekk il-Qorti taqbel mat-tezi tar-rikorrenti.

Riferibbilment ghall-Artikolu 412B tal-Kap 9, ir-rikorrenti jirreferu ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem nhar it-23 ta' Lulju, 2013 fl-ismijiet **Mikalauskas v. Malta** fejn ġie ritenut dan illi:

"*95. As to the Government's claim that another remedy available to the applicant was afforded by Article 412B of the Criminal Code read in conjunction with Article 525(2A), there seems to be no doubt that this remedy was applicable and available to the applicant, who was a person "charged or accused before the Court of Magistrates". ..... However, even accepting that this remedy was separate and distinct from bail applications, it remains to be determined whether the scope of the remedy was such as to satisfy the requirements of Article 5 § 4, for only in that case could this course of action be a potentially effective remedy capable of satisfying the said requirements.*

*96. The Court notes that the relevant provision referred to applications for release from custody where it was claimed that continued detention was "not in accordance with the law". Reiterating that "lawfulness" of detention must be examined not only in the light of the requirements of domestic law, but also of the Convention, the Court reiterates that for the remedy invoked to be considered effective, it is crucial that the scope of the examination it provides covers also Convention compatibility. The Court observes that under Article 409A, cited by the Government as an available remedy (but which the Court found to be inapplicable to the applicant's case), the relevant courts entrusted with hearing applications under that Article had previously held that they were not competent to look into other circumstances which could render a person's detention unlawful, such as an incompatibility with the rights guaranteed by the Constitution or the Convention when there was a clear law authorising continued detention (see Louled Massoud, cited above, § 43). It follows that the Court cannot ignore that the same interpretation may also have been adopted by the Court of Magistrates in relation to applications under Article 412B. Bearing in mind that the Court must assess the effectiveness of remedies not only in theory but also in practice (see Zunic v. Slovenia, (dec.) no. 24342/04, 18 October 2007), in the absence of any submissions in this regard by the Government, or any examples of the courts' interpretation and use of this provision to contradict the applicant's claim as to the limited scope of this remedy, the Court cannot, for the purposes of the present case, consider it a suitable course by which the lawfulness of the applicant's detention could be determined in the light of the Convention."*

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza r-rikorrenti jissottomettu li l-Artikolu 412B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma joffrix rimedju ordinarju effettiv għaliex ma jista' jsir l-ebda eżami fid-dawl tal-Konvenzjoni u, illi, fl-aħħar mill-aħħar hija dina l-Onorabbli Qorti biss illi tista' tagħmel tali eżami.

Illi fil-kaz fid-29 ta' Novembru, 2018 fl-ismijiet **James Jeremy Farrugia v. Avukat Ġenerali,** din il-Qorti irriteniet:

*"Illi l-legalita' tad-detenzjoni hija ezaminata skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni. Dan ifisser li:*

*'The requirement of lawfulness is not satisfied merely by compliance with the relevant domestic law; domestic law must itself be in conformity with the Convention, including the general principles expressed or implied in it" (Plesó v. Hungary, § 59). Ukoll 'The general principles implied by the Convention to which the Article 5 § 1 case-law refers are the principle of the rule of law and, connected to the latter, that of legal certainty, the principle of proportionality and the principle of protection against arbitrariness which is, moreover, the very aim of Article 5." (**Simons v. Belgium** (dec.) § 32). "*

Ikkunsidrat li t-talbiet odjerni jirrigwardaw allegat ksur ta' diversi jeddijiet sanciti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni. L-Artikolu 412B tal-Kap 9 jindirizza lment wiehed biss minnhom, dak prospettat skont l-Artikolu 5 (1) u (2) tal-Konvenzjoni izda certament ma joffrix rimedju ghall-jeddijiet l-ohra li taghhom ir-rikorrenti qed jitolbu protezzjoni. Huwa minnu li r-rikors promotur huwa premess fuq l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija fl-ezekuzzjoni tal-arrest u tat-tfittxija. Artikolat f'dawn it-termini semplici, l-intimati u l-intervenuti jistghu ikollhom ragun biex jistriehu fuq l-Artikolu 412B tal-Kap 9 u fuq dak sottomess fir-rigward tat-talbiet ghall-isfilz ta' oggetti abbuzivament elevati.

Izda l-legalita', kif espress *ante,* m'ghandhiex tifsira biss domestika, imma wkoll konvenzjonali. Inoltre huwa manifest li r-rikors promotur imur lil hinn minn talba dwar il-legalita' tal-arrest u anke tat-tfittxija, u jirrikjedi investigazzjoni ta' jekk il-privatezza

tad-dar, jew id-dritt ghall-proprjeta', fis-sens konvenzjonali u kostituzzjonali, gewx lezi minnhabba l-agir tal-pulizija. F'dan l-istadju preliminari u *prima facie,* din il-Qorti taqbel li l-Qrati ta' gurisdizzjoni ordinarja fil-kompetenza kriminali taghhom, ma jistghux joffru rimedju effettiv ghal dak li qed jitolbu r-rikorrenti b'din il-kawza.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad it-tielet eccezzjoni tal-intimati u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**L-ispejjez jigu determinati mas-sentenza finali.'**

Il-Qorti rat li wara l-ghoti tad-decizjoni preliminari suesposta, l-kaz kompla bil-gbir tal-provi fil-mertu.

Rat li fil-verbal tal-14 ta' Jannar, 2020 intalbet korrezzjoni fl-okkju tal-kawza sabiex kull fejn hemm imnizzel l-Avukat Generali il-kliem jigi sostitwit bl-Avukat tal-Istat u din il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni.

Rat li permezz ta' nota datata 24 ta' Frar, 2021 ir-rikorrent Vincent Muscat iddikjara bil-gurament tieghu:

'li mghadx ghandu interess fil-proceduri odjerni u keonsegwentement icedi l-istess kawza.'

Jirrizulta ghalhekk li r-rikors odjern sa minn dik id-data baqa' biss attiv f'isem ir-rikorrenti Alfred u George Degiorgio.

Rat li fil-verbal tat-23 ta' Marzu, 2021 dan ir-rikors gie differit ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat is-sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat esebiti fl-atti. Rat li hadd mill-partijiet l-ohra ma pprezenta sottomissjonijiet bil-miktub fit-terminu mpost.

Rat l-atti u l-provi kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-Qorti tqis li riassunt tal-fatti tal-lanjanza kostituzzjonali tar-rikorrenti ahwa Degiorgio, kif ukoll ir-risposti tal-intimati, gia gew ampjament spjegati fid-decizjoni preliminari li ghaliha saret referenza aktar il' fuq f'din id-decizjoni. Il-Qorti ghalhekk taghmel taghha dak ir-riassunt ai fini tad-decizjoni fil-mertu tal-istess lanjanza.

Rat ix-xiehda, dokumentazzjoni u provi esebiti ulterjorment wara d-decizjoni preliminari suesposta kif isegwi:

A fol. 147 et seq kompla jixhed l-**Ispettur Keith Arnaud**. Minn din ix-xiehda jirrizulta li fuq talba bil-miktub tal-Pulizija lill-Magistrat Inkwirenti Anthony Vella inhargu mandati li kienu f'idejn il-Pulizija fil-gurnata tas-Sibt qabel l-arrest tar-rikorrenti li sar it-Tnejn ta' wara. Ikompli li dakinhar tal-arrest filghodu sar 'briefing' ma' dawk kollha nvoluti fl-Armata, Pulizija, ambulanzi u membri tas-servizz tas-sigurta' dwar l-operazzjoni li kellha ssir sabiex jigu arrestati r-rikorrenti. Kien hemm madwar mija u ghoxrin ruh ghaliex kienu mifruxa f'siti diversi f'Malta stante li dakinhar gew arrestati ghaxar persuni. Il-'briefing' ma sarx kollu

f'daqqa izda sar sezzjoni sezzjoni. Kull min kien ghall-'briefing' gie nfurmat li kien hemm il-mandati f'idejn il-pulizija. Jixhed li kull fejn kien ser ikun hemm persuna li ser tigi arrestata ( stante li gew arrestati mhux biss ir-rikorrenti) kien hemm spettur inkarigat li kellu kopja tal-mandati. Fejn saru tfittxijiet izda kellhom biss l-informazzjoni li kien hemm il-mandati izda ma kellhomx kopja tal-mandati. In-nies li kienu ghassa mal-bibien tal-postijiet li kellhom isiru t-tfittxijiet ma gewx infurmati – thallew hemm biex jigi assigurat li ma jidhol hadd gewwa.

Jghid li mat-tinda fejn gew arrestati r-rikorrenti kien hemm bejn hamsa u tletin (35) u erbghin (40) ruh. Bhala Spetturi kien hemm hu mat-team tal-i'Special Intervention Unit' u l-Ispettur Kurt Zahra fuq id-dinghy. L-arresti fizici saru flimkien.

Taht it-tinda ma kien hemm hadd ghajr ir-rikorrenti. Kien hemm persuna ohra li kienet ser tigi arrestata izda ma kinitx taht it-tinda. Ir-rikorrenti gew arrestati ghal-habta tat-8.15 ta' filghodu. Malli dahlu tnizzlu mal-art u gew immanettjati fuq wara ghal ragunijiet ta' sigurta`. Waqt it-tfittxija li hadet numru ta' sieghat baqghu immanettjati b'idejhom fuq wara ghajr ghal Vincent Muscat li nfurmah li kienet qed tugghu idejh u ghamlulu l-manetti fuq quddiem – wara ftit biddlu wkoll tal-ahwa Degiorgio.

Dwar il-mandati jixhed kif isegwi a fol. 151 et seq:

*'Il-mandati fil-konfront ta' dawk it-tlieta kien responsabbilta' tieghi ghax kienu ghandi u jien kont wiehed miz-zewg spetturi li konna qeghdin naghmlu l-arrest ta' tliet persuni cioe l-ahwa Degiorgio u Vincent Muscat. Kienu fil-karozza. Mela b'mandat f'idejja ma dhaltx hemmhekk ghax l-ewwel li ma rragunajt kienet safety; immaginajt tkun farsa nidhol ha narresta persuni li ahna ikkonsidrajnihom daqshekk perikoluzi nidhol*

*bil-mandat f'idejja; u allura jiena bil-mandat f'idejja jiena ma dhaltx. Biss meta kienu ma l-art qed jigu mmanettajti iva informajthom li qeghdin arrestati, u niftakar ezatt l-ewwel ghedtilhom qeghdin arrestati; u kont ser immur – ma nafx fejn kont sejjer dak il-hin, pero' ergajt dort, ghidtilhom qeghdin arrestati fuq il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Pero' mandat fizikament jien dak il-hin le ma tajthomx. Pero' kif waslu l-lock up, ghax minn dak inhar li xhedt 'l hawn mort ghamilt iktar verifiki, kif walu l-lock up dak inhar filghaxija, u dan qeghdin nghidu saru s-searches hemmhekk, u jidhirli li Vincent Muscat kien ttiehed saru s-seraches id-dar tieghu u l-karozza li kellu pparkjata l-Imsida. Alfred Degiorgio mit-tinda kien ittiehed id-dar tieghu u saru searches hemmhekk id-dar tieghu wkoll San Pawl il-Bahar. George Degiogio le, ghax George Degiorgio kienu saru s-searches minhaba li d-dar tieghu kien hemm prezenti l-mara tieghu.*

*Kif waslu l-lock up, it-tliet persuni kienu infurmati mill-custody officer tal-lock up dwar l-arrest taghhom. Inghataw l-ittra bi drittijiet taghhom dak il-hin fil-lock up, u dan huwa illogjat fir-records tal-lock-up ghax rajtha jien b'ghajnejja u preparajt photocopy ghal li jisa' jkun, u wkoll inghataw id-dritt ta' avukat liema dritt huma kollha cahdu. U dan huwa illogjat mill-custody officer . . .*
*. . . Sa dak il-hin hadd minna ma kien ghamillhom domanda wahda, anke nkluz l-affarijiet li nstabu it-tinda. Jigifieri mit-tinda instabu kemm affarijiet fil-bahar u gew elevati affarijiet mill-kamra li ahna nghidu li kienet tintuza minn l-ahwa Degiorgio u minn xi nies ohra li forsi setghu kienu hemmhekk. Kull oggett li nstab ahna ma staqsejna l-ebda domanda lil dawn it-tliet persuni; jigifieri bazikament huma kienu prezenti tul is-search. Kull oggett li nstab gie elevat u mghoddi mill-forensi. Domandi zero, ma staqsejnihom xejn . . .*
*. . . il-lockup marru l-lock up u gew registrati u nghataw kopja bil-miktub bl-ittra ta' drittijiet lilhom skont il-ligi u skont ic-chapter 9, l-iskeda fuq wara, inghatat kojpa lihom. Id-dritt ta' l-avukat huma rrifjutawh. L-ghada imbaghad meta wasal il-hin bie isiru l-*

*interrogations inghataw regghu d-dritt mill-Magistrat inkwerenti qabel ittiehdet il-kampjun tad-DNA, u mbaghad meta ergajna kelliminihom ahna ergajna tajnihom id-dritt ta' l-avukat liema dritt huma irrifjutaw against a declaration.'*

Mistoqsi jekk taht it-tinda tal-patata inghatawx id-dritt ghall-Avukat isostni li jekk mhux sejjer zball inghata minnu stess izda ma tkellmux u ma talbu xejn. Jghid li x'hin iddahhlu l-lock up wahda mid-domandi kinitx jekk iridux ikellmu avukat u dawn irrispondew li le mal-'custody officer'. Kien hemm min minnhom li ffirma hdejn dan ir-rifjut u xi hadd minnhom li ma ffirmax.

Jghid li x'hin iddahhlu l-lock up ma nghataw l-ebda struzzjonijiet sabiex jinghataw kopja tal-mandat qabel id-dritt tal-Avukat. Isostni li l-lock-up ma jkollhomx kopja tal-mandat u li hu dakinhar ma kienx tahom kopja.

Tul it-tfittxija taht it-tinda, l-kamra u l-bahar, l-arrestati kienu prezenti biex jaraw li qed isiru s-'searches'.

Mistoqsi jekk kienx hemm sett wiehed originali tal-mandati jghid li fotokopji ma sarux:

*'Meta nghid sett wiehed huwa ahna nohorgu tlieta, wiehed izommu l-magistrat, u tnejn jinghataw lilna. Ir-raguni li tnejn jinghataw lilna biex wiehed nghadduh lill-arrestat u wiehed jinzamm ghandna. . . . kelli fil-karozza zewg kopji.'*

Ikompli li hu kien hemm il-gurnata kollha imma ma giehx f'mohhu jgib il-mandati u jaghtihomlom u ma qabbad lil hadd jaghmel hekk. Hu ma kienx prezenti ghat-tfittxijiet li saru bnadi ohra anki fil-presenza tal-arrestati.

Mistoqsi f'liema punt ghaddielhom il-mandat jixhed a fol. 156 et seq:

*'. . . kien l-ghada zgur ta' l-arresti x hin tajthom id-dokument f'idejhom. Issa milli niftakar jista' ikun li xi hadd minnhom kien l-ufficcju tieghi li tajtu l-mandat jiena, jista ikun xi hadd iehor li ghedt Pulizija jinizzilulu l-lockup; ma niftakarx ezatt. Imma naf li mbaghad ftakart fil- . . , qed ara il-mandati qeghdin f'idejja u mort tajnihomlhom.'*

Jinsisti li kien l-ghada zgur u cioe' l-5 ta' Dicembru, 2017. Dan kollu rega' gie kkonfermat mix-xhud fil-kontro-ezami tieghu minn fol. 190 `l quddiem.

Dwar ufficjali barranin prezenti ghat-tfittxijiet jghid li iva kien hemm ufficjali mahturin fl-inkjesta u li kienu ufficjali tal-Europol. Kien hemm wiehed f'kull lokalita'. Kien hemm erbgha b'kollox ghalhekk is-'searches' hadu l-hin. Xoghlhom ma kienx li jaghmlu t-tfittxijiet imma li jissaportjaw u jghidulhom x'seta kien tajjeb u x'seta' ma kienx biex isir analizi fuqhom ghal dak li huma ekwipaggament elettroniku. Huma ma elevaw xejn, l-elevazzjoni saret mit-tim forensiku.

Dwar kopji tal-mandati jghid li lill-Ispettur Spiteri fir-residenza ta' George Degiorgio baghtulu WhatsApp nhar l-4 ta' Dicembru, 2017 fid-9.11a.m. ghax ma kellux fuqu. Dan gie muri lill-mara ta' George Degiorgio ghaliex talbet li tarah.

Ix-xhud jikkonferma l-kopji tal-mandati esebiti a fol. 70, 71 u 72 tal-process.

A fol. 185 et seq kompla jixhed l-**Ispettur Keith Arnaud** in kontro-ezami. F'din ix-xiehda jikkonferma li l-mandati ta' arrest u tfittxija gew iffirmati mill-Magistrat Vella nhar it-2 ta' Dicembru, 2017 filwaqt li l-arrest sar nhar l-4 ta' Dicembru, 2017. Jikkonferma wkoll li t-tfittxijiet fil-proprjeta' tar-rikorrenti saru wara li saru l-arresti taghhom ghalkemm il-proprjeta' gia kienet mghassa. Jghid li kif lestew mill-arrestati fit-tinda tal-patata marru fir-residenza taghhom biex saret it-tfittxija ghajr ghal George Degiorio ghaliex fir-residenza kien hemm il-'partner' tieghu. Is-'search' saret fil-presenza taghha. Jaf li l-Ispettur inkarigat talbu l-'warrant' ghaliex il-'partner' talbitulu u bghatlu 'soft-copy' ghax ma tahomx 'hard-copy' mill-ewwel.

Dan ix-xhud jinsisti li fil-mument li gew arrestati wara li qajjmuhom bil-wieqfa minn mal-art qalilhom li kienu qed jigu arrestati minhabba l-involviment taghhom fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Jikkonferma li tahom id-drittijiet kollha nkluz li jistghu jkellmu avukat izda dak il-hin ma sarux domandi. Il-'caution' jghid li tawilhom kif suppost.

Dwar it-tfittxijiet fir-rigward ta' Vincent Muscat jghid li mhux cert jekk dawk tas-Siggiewi sarux fil-presenza ta' Muscat jew tal-mara tieghu.

Dwar il-kopji tal-mandati jghid li waqt il-'briefing' ta' filghodu nforma lil kulhadd li kellu l-mandati f'idejh izda ma tax kopji, fil-fatt dawk mill-iskwadra li kienu fir-residenza ta' George Degiorgio talbuh kopja u baghtulhom messagg.

Mistoqsi direttament dwar il-presenza tal-ufficcjali tal-Europol jghid li dawn kien prezenti fil-siti fejn saru t-tfittxijiet izda ma kienu huma li gabru l-oggetti ghax ingabru mill-pulizija tal-

forensika. Kienu biss prezenti. L-irwol taghhom kien biex javzawhom x'ghandu jigi elevat.

Mistoqsi dwar l-att tal-akkuza fil-konfront tar-rikorrenti jghid li dan hareg f'Lulju tas-sena 2019.

Dwar il-mandati jerga jsostni li dawn inghataw lilhom fizikament l-ghada tal-arrest. Jinsisti wkoll li l-'caution' fil-mument li gew arrestati tahilhom hu stess izda jerga' jsostni li dak il-hin huma ma tkellmu xejn. Dak il-hin jghid li ma kellix effett ghaliex ma saret l-ebda interrogazzjoni.

Jenfasizza li meta tarresta persuna gewwa 'location' bilfors irrid nghidlu ghalfejn ha narrestah. Jghid li dik hija dritt fundamentali tieghu. Ix-xhud mistoqsi dwar jekk suppost tahomx kopja tal-mandat ta' arrest fil-mument li arrestah jghid li iva suppost mal-ewwel taghtih il-mandat (ara fol. 192 ergo). Jerga' jikkonferma izda li kien hu stess li qalilhom li qed jigu arrestati u fuq xiex. Jinsisti wkoll li qalilhom li mhux ser isirulhom domandi izda jekk isiru jinghataw it-Twissija u li hemm id-dritt li ma jirrispondux. Xoghlhom dak il-hin ma kienx li jaghmlu d-domani izda *'insibu, nelevaw u mmexxu'* (fol. 193).

A fol. 193 izid:

*'Il-Mandati, jista jkun ma nahlifx li tajthomlom anke wara l-sitatement ghax dak hargitli minn mohhi li l-Mandati ma tajthomlomx u kif qed niccekkja l-karti u rajt il-Mandati ghidt ara l-mandati u tajthomlom.'*

Dwar x'kien hemm fil-mandati jghid li kien hemm miktub li t-tfittxijiet isiru fil-fond fejn il-persuna tghix u kull fond iehor li huwa ghandu access ghalih.

Mistoqsi dwar id-dinamika ghalfejn ma nghatawx il-mandati jghid li zelqitlu minn mohhu u jammetti li kien zball tieghu. Mistoqsi dwar jekk ir-rikorrenti offrewx xi rezistenza ghall-arrest jsostni li le.

A fol. 159 ergo et seq xehed is-**Surgent PS 1166 Luca Grasso** li kkonferma li hu kien prezenti l-Marsa waqt l-operazzjoni ta' arrest izda hu ma ghamel l-ebda arrest. Jghid ukoll li l-mandati urihomlu l-Ispettur Keith Arnaud anki qabel marru l-Marsa got-tinda tal-patata u anki meta marru. Jaf li kienu f'idejn l-istess Spettur. Jghid li mhux cert jekk ghaddietx kopja taghhom lill-arrestati jew intwerewx lilhom ghax ma kienx involut direttament. Izid li ra kopja tal-mandat ta' arrest u tfittxija qabel ma mar jaghmel it-tfittxija go residenza minnhom. Huwa wettaq tfittxija ma' ohrajn fil-presenza ta' Alfred Degiorgio gewwa San Pawl il-Bahar. Jaf li kien hemm ufficjali mhux Malti jidhirlu tal-Europol prezenti maghhom. Jghid izda li fuq il-post ma marx fil-karozza maghhom wasal ma' tal-forensika. Jahseb li dan l-ufficjal barrani beda jiccekkja 'devices' elettronici jekk setghux kienu gew intuzati biex isir jew jaghmlu xi bombi bihom. Jaghti lista tal-oggetti elevati u mistoqsi x'beda jaghmel dan l-ufficjal iwiegeb li hu beda qisu 'search' fil-presenza taghhom sabiex jaraw li ssir skont il-ligi u beda jaghti struzzjonijiet lil tal-forensika x'kellu jigi elevat. Jghid ukoll li qabel dahlu huma dahlu tal-'Explosive Unit' tal-Forzi Armati sabiex jassiguraw li l-post kien sigur. Izid li hu fl-ebda hin ma ghadda kopja ta' xi mandat lill-arrestati jew lil xi hadd iehor.

A fol. 166 et seq xehed l-**Ispettur Kevin Pulis** li jghid li huwa stazzjonat fl-iskwadra kontra d-droga. Jghid li l-involviment tieghu fl-4 ta' Dicembru, 2017 kien minimu billi ntalab imur man-

nies tieghu Bay View Court, Flat 3, Triq it-Tonn, San Pawl il-Bahar li hija r-residenza ta' Alfred Degiorgio sabiex jaraw illi ma jidhol hadd u li jekk ha johrog xi hadd izommuh u jaraw min ikun. Ghamel hemm bejn is-sitta u nofs ta' filghodu (6.30a.m.) sa xis-sebgha ta' filghaxija (7.00p.m.). Isostni li ma kienx partecipi fit-tfittxijiet Waqt it-tfittxija kien prezenti gewwa izda ma ppartecipax. Ra li kien hemm xi barranin li bdew jitkellmu u jikkonsultaw mal-ufficjali tal-forensika. A fol. 167 jixhed kif isegwi:

*'Le dawn l-esperti stajt nara dak il-hin il-barranin ma ghamlu l-ebda tfittxija ma ghamlu xejn. Kull ma ghamlu just bdew ikunu prezenti ghall-affarijiet li bdew jelevaw, u forsi bdew jigbdu l-attenzjoni ta' x'riedu jelevaw jew le. Jigifieri ma kienux partecipi fit-tfittija per se; just kemm kienu 'watchers' jekk nista' inpoggi l-kelma hekk tal-pulizija fi hdan id-dipartiment ta' l-investigazzjoni kriminali.'*

Ikompli li fil-fond innifsu dahlu. Jixhed li hu ha nota ta' x'affarjiet gew elevati izda jghid li mhux bilfors ghandu kollox ghax beda jidhol u johrog. A fol. 167 ergo jaghti lista tal-affarijiet li gew elevati quddiemu fosthom oggetti elettronici u oggetti ohra bhal battery u bott taz-zebgha.

Mistoqsi dwar il-mandati ta' arrest u tfittxija jghid li dan intwera lilu mill-Ispettur Arnaud qabel ma mar hemm fis-sebgha ta' filghodu (7.00a.m.). Fizikament fuq il-post tat-tfittxija ma rahx.

A fol. 172 et seq xehdet **WPC 308 Kimberly Camilleri** li hija stazzjonata l-Vice Squad. Dakinhar tal-4 ta' Dicembru, 2017 kienet assenjata mill-Ispettur Arnaud u -Ispettur John Spiteri flimkien ma' ohrajn sabiex jaghmlu tfittxija fir-residenza ta' George Degiorgio fi Triq il-Ghabex, San Pawl il-Bahar. Infurmahom li kien

hemm mandat mahrug fil-konfront ta' George Degiorgio qabel ma marru biex jaghmlu t-tfittxija u nfurmawhom li la darba jigi arrestat jtuhom il-'go ahead' sabiex jidhlu fir-residenza. Meta tawhom il-'go ahead' ghall-habta tat-tmienja u kwart ta' filghodu (8.15a.m.), habbtu fir-residenza sabu lil Annika Popp, il-partner ta' George Degiorgio u tifel zghir. L-Ispettur John Spiteri wera kopja tal-mandati lil Annika Popp minn fuq il-mobile u x'kien hemm fuqu, infurmaha li George Degiorgio kien arrestat u li kien hemm il-mandat u beda jispjegahula mill-Malti ghall-Ingliz peress li tifhem bl-Ingliz. Tghid li filghodu l-Ispettur Arnaud kien urihom il-mandat ta' George Degiorgio imma ma tahomx kopja. Skont din ix-xhud, xi hadd nfurma lill-Ispettur John Spiteri qabel ma dahlu li gie arrestat u li kien nghata l-warrant George Degiorgio. Sa fejn taf hi l-Ispettur Spiteri kien qed jitkellem ma' Keith Arnaud.

Dwar x'gie elevat tghid li gew elevati xi affarijiet elettronici u xi dokumenti izda dan sar minn tal-forensika u mill-Ispettur John Spiteri. Hi ma elevat xejn. Tikkonferma li kien hemm ufficjal wiehed tal-Europol. Tghid li ma ratux ifittex – kien biss prezenti ghat-tfittxija. Ma tafx jekk kellux sehem ulterjuri fl-investigazzjoni.

Il-Qorti rat ulterjoment il-kopja tad-dokumentazzjoni esebita fl-atti tal-kumpilazzjoni numru 551/2017 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. George Degiorgio et,' a fol. 208 et seq tal-process.

Rat id-digriet tal-Magistrat Inkwirenti esebit a fol. 208 tal-process datat 23 ta' Novembru, 2017 minn fejn jirrizulta li l-esperti forensici mill-Europol gew nominati:

*'sabiex jassistu lill-Inkverenti fil-gbir ta' data elettroncika fuq "mobile telephone" u jaghmlu l-analizi teknici fuq "data traffic" cellular, kif ukoll ghal " data extraction" minn kull apparat elettroniku elevat fl-inkjesta.'*

Rat li f'dawk l-atti fil-verbal datat 4 ta' Lulju, 2018 gie verbalizzat kif isegwi:

*'Id-Difiza ghat-tliet imputati tirrileva li inkwantu x-xhieda u l-esebitiipprezentati llum gew elevati uhud mhux fil-prezenza tal-imputati u minghajr l-imputati ma kienu moghtija xi search warrant, huma jirrizervaw il-pozizzjoni taghhom liema pozizzjoni saret kawza Kostituzjonli dwarha bin-numru 72/18.'*

Rat ir-rapporti tal-espert esebit fl-atti tal-kumpilazzjoni a fol. 264 et seq, a fol. 360 et seq u fol. 382 et seq, u rat ukoll it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-esperti. Rat fost ohrajn ix-xiehda ta' Kostantinos Petrou a fol. 349 fejn dwar l-inkarigu tieghu fis-siti xehed kif isegwi:

*'the police was already there and I was appointed to go there and help them . . . if they will find exhibits . . .'*

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi dan ir-rikors kostituzzjonali gie ntavolat minn Alfred Degiorgio u George Degiorgio wara li huma gew arrestati nhar l-4 ta' Dicembru, 2017 u mressqa quddiem il-Qorti Istruttorja nhar il-5 ta' Dicembru, 2017 akkuzati b'diversi reati fost ohrajn bl-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia li sehh nhar is-16 ta' Ottubru, 2017.

Illi permezz tar-rikors kostituzzjonali odjern ir-rikorrenti principalment qed jallegaw il-ksur tad-drittijiet fundamentali

taghhom taht l-Artikolu 5 (1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporata fil-Ligijiet ta’ Malta taht il-Kap 319, ksur tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni Ewropea u ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol anness mal-Konvenzjoni Ewropea msemmija ghar-ragunijiet li jsegwu:

(i) li ma gewx moghtija/murija mandat ta' arrest;

(ii) li ma gewx infurmati dwar ir-ragunijiet ghall-arrest taghhom;

(iii) li persuni li m'humiex membri tal-pulizija ezekuttiva accedew ghal u wettqu tfixxijiet gewwa l-Marsa kif ukoll fi proprjetajiet taghhom;

(iv) Ma gewx moghtija/murija mandat ta' tfittxija; u

(v) li uhud mit-tfittxijiet ma sarux fil-prezenza taghhom.

**A. L-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ *locus standi* tal-Avukat Generali llum Avukat tal-Istat:**

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu l-Avukat tal-Istat isostni li hu m’ghandux *locus standi* f’dawn il-proceduri peress li l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda allegat agir tal-Kummissarju tal-Pulizija bil-konsegwenza li l-Avukat tal-Istat ghandu jigi dikjarat bhala mhux legittimu kontradittur u jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi l-Qorti ma tqisx li ghandha tahli wisq hin fuq din l-eccezzjoni. Jirrizulta li fir-rikors kostitutzzjonali odjern ir-rikorrenti qed jitolbu bosta rimedji permezz tat-tieni talba taghhom fosthom kundanna ghal danni sofferti minnhom. Hija llum gurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin li, kull fejn jinstab ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem, huwa l-Avukat tal-Istat li jaghmel tajjeb partikolarment ghad-danni likwidati u l-kumpens akkordat jekk ikun il-kaz, u ghalhekk minghajr ebda ombra ta' dubju l-Qorti tqis li l-Avukat tal-Istat huwa l-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li l-istess Avukat tal-Istat fis-sottomissjonijiet finali tieghu ghazel li lanqas jidhol f'din l-eccezzjoni tant kemm huwa car anki ghalih li din l-eccezzjoni ghall-kaz odjern m'ghandhiex validita' legali u fattwali.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat et dwar il-legittimu kontradittur.

**B. Allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem – Id-dritt ghal-liberta' u s-sigurta':**

Illi l-parti rilevanti ta' dan l-Artikolu ghall-kaz odjern taqra kif isegwi:

'1. Kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta' u ghas-sigurta' tal-persuna. Hadd ma ghandu jigi pprivat mil-liberta' tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skont il-procedura preskritta bil-ligi:

. . . (c) l-arrest jew detenzjoni skont il-ligi ta' persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus

ragonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat;

. . . 2. Kull min ikun arrestat ghandu jigi nfurmat minnufih, f'lingwa li jifhem, dwar ir-ragunijiet tal-arrest tieghu u dwar kull akkuza kontra tieghu.'.

Illi l-'Guide on Article 5 of the Convention' dwar dawn il-provvedimenti fil-parti rilevanti ghall-kaz odjern jaqra kif isegwi:

'9) Some acceptable procedural flaws. The following procedural flaws have been found not to render the applicant's detention unlawful:

– A failure to notify the detention order officially to the accused did not amount to a "gross or obvious irregularity" in the exceptional sense indicated by the case-law given that the authorities genuinely believed that the order had been notified to the applicant (Marturana v. Italy, § 79; but see Voskuil v. the Netherlands, in which the Court found a violation where there had been a failure to notify a detention order within the time-limit prescribed by law: three days instead of twenty-four hours);
– A mere clerical error in the arrest warrant or detention order which was later cured by a judicial authority (Nikolov v. Bulgaria, § 63; Douiyeb v. the Netherlands [GC], § 52);
– The replacement of the formal ground for an applicant's detention in view of the facts mentioned by the courts in support of their conclusions (Gaidjurgis v. Lithuania (dec.)). A failure to give adequate reasons for such replacement however may lead the Court to conclude that there has been a breach of Article 5 § 1 (Calmanovici v. Romania, § 65).'

Illi fil-kaz ikkwotat fl-ismijiet **Voskuil v. the Netherlands (6475/01)** inghad kif isegwi:

'83. The Court observes that, although the decision ordering the applicant detained on the ground of refusing to give evidence was not required to be reasoned as the applicant suggested, domestic law did provide for notification in writing of the detention order within twenty-four hours (Article 224 of the Code of Criminal Procedure – see paragraph 37 above). The Government do not deny that the applicant was only provided with a written copy of the order some three days later. The Court therefore finds that the procedure prescribed by law has not been followed. There has accordingly been a violation of Article 5 § 1 of the Convention.'

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti jsostnu l-ksur tad-dritt fundamentali taghhom fit-termini tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq espost ghar-raguni li nghataw kopja tal-mandat ta' arrest u tfittxija (datati jumejn qabel l-arrest taghhom - 2 ta' Dicembru, 2017) allegatament sitta u tletin (36) siegha wara li gew arrestati. Huma gew arrestati nhar l-4 ta' Dicembru, 2017 kmieni filghodu. Izidu wkoll li konsegwenza ta' dan in-nuqqas huma ma kienux infurmati bir-raguni ghall-arrest taghhom.

Illi dwar in-nuqqas ta' raguni ghall-arrest taghhom din il-Qorti taghmel mill-ewwel referenza ghax-xiehda estensiva tal-Ispettur Keith Arnaud, kif gia suespost, fejn ghal diversi drabi huwa kkonferma bil-gurament tieghu, anki in kontro-ezami, b'certu insistenza, li malli r-rikorrenti gew arrestati nhar l-4 ta' Dicembru, 2017 kmieni filghodu huma mill-ewwel gew infurmati minnu personalment bir-raguni ghall-arrest taghhom. Fil-fatt l-Ispettur Arnaud jixhed li wara li r-rikorrenti gew immanettjati b'idejhom fuq wara u mqajjma minn mal-art kien hu personalment li

nfurmahom li kienu qed jigu arrestati fuq suspett tal-involviment taghhom fil-qtil tal-gurnalista Daphne Caruana Galizia. Din ix-xiehda tal-Ispettur Arnaud bl-ebda mod ma giet sufficjentement kontradetta lanqas mix-xhieda tal-istess rikorrenti fl-atti odjerni. In oltre b'referenza ghall-verbal tal-Qorti Istruttorja datat 5 ta' Dicembru, 2017, jirrizulta li meta r-rikorrenti tressqu taht arrest l-akkuzati mkien fil-verbal ma lmentaw li ma kienux gew infurmati bir-raguni tal-arrest izda kkontestaw l-arrest biss ghar-raguni 'illi l-mandat ta' arrest inghata lit-tliet imputati wara 36 siegha li kienu gew arrestati' u xejn aktar.

Illi din il-Qorti ghalhekk tqis li gie sufficjentement pruvat fl-atti odjerni li r-rikorrenti gew infurmati b'mod verbali, immedjatament mal-arrest taghhom, bir-raguni ghalfejn kienu qed jigu arrestati u ghalhekk ma ssib l-ebda ksur tad-dritt fundamentali ghal-liberta' u s-sigurta' minn dan il-lat tal-ilment kostituzzjonali taghhom.

Illi konsegwentement fit-termini tal-allegat ksur tal-Artikolu 5 (1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea msemmija, l-Qorti jonqosha li tanalizza l-allegat ksur tad-dritt fondamentali ghall-liberta u s-sigurta' in relazzjoni man-nuqqas li r-rikorrenti jinghataw kopja tal-mandati ta' arrest u tfittxija immedjatament mal-arrest.

Illi mill-atti jirrizulta ammess mill-Ispettur Keith Arnaud li ghalkemm hu kellu f'idu mandat ta' arrest u tfittxija relatati ghal kull wiehed mir-rikorrenti, dawn effettivament waqt l-operazzjoni ta' arrest u tfittxijiet li damet ghaddejja jum shih qatt ma nghataw lir-rikorrenti izda thallew fil-vettura tal-Ispettur Keith Arnaud. L-istess Spettur Arnaud fix-xiehda tieghu kif gia suespost jammetti li dawn hargu minn mohhu u ma tahomlomx. Isostni li meta rrealizza li kienu ghadhom ghandu probabilment l-ghada tal-

arrest huwa qabad u ghadda kopja tar-rikorrenti hu stess jew bghat pulizija iehor sabiex jaghmel dan (ara fol. 156 ergo). Dwar min ezatt tahomlhom ma kienx cert fix-xiehda tieghu u jghid ukoll li jista' jkun li lil xi hadd minnhom inghatatlu l-kopja tal-mandat wara li kienet saret l-interrogazzjoni. Jammetti li dawn inghataw lilhom diversi sieghat u zgur jum wara li gew arrestati. Jenfasizza izda li sa dak il-hin ir-rikorrenti arrestati kienu nghataw diversi drabi l-kawzjoni skont il-ligi inkluz id-dritt ghas-silenzju u d-dritt ghall-avukat.

Illi r-rikorrenti permezz tar-rikors kostituzzjonali odjern isostnu li dan id-dewmien sabiex inghataw id-dokumenti tal-mandat ta' arrest u tfittxija jekwivali ghall-ksur tad-dritt fundamentali taghhom. Ir-rikorrenti jibbazaw l-argument taghhom a bazi wkoll tal-artikoli 355 AI, 355E, 355 J tal-Kap. 9 Kodici Kriminali, Ligijiet ta' Malta.

Illi l-**Artikolu 355 AI** tal-Kap. 9 jipprovdi kif isegwi:

**'355AI.** Ħlief fil-każ ta' mandat li jiġi trasmess bil-facsimile, mandat għandu jsir bi tliet kopji ffirmati li waħda minnhom għandha tinżamm mill-Maġistrat filwaqt li l-oħrajn għandhom jingħataw lill-uffiċjal tal-Pulizija li għandu jżomm kopja waħda fl-inkartamenti tiegħu u jara li l-kopja l-ohra tigi notifikata lill-persuna li lilha din għandha tiġi notifikata:
Iżda meta uffiċjal tal-pulizija jiltaqa' ma' persuna li kontriha jkun inħareġ mandat ta' arrest u, għalkemm ma jkollux fuqu kopja tal-mandat, l-uffiċjal tal-pulizija jkun jaf li l-mandat ikun hekk inħareġ, l-uffiċjal għandu jarresta lil dik il-persuna u jinnotifikaha bil-kopja tal-mandat mal-ewwel opportunità li jkollu.'

Illi l-**Artikolu 355 E** tal-Kap. 9 jipprovdi kif isegwi:

‘1) Salvi l-każijiet fejn il-liġi tipprovdi xort’oħra, ebda uffiċjal tal-Pulizija ma għandu, sakemm ma jkollux mandat minn Maġistrat, jidħol f’xi lokal, dar, bini jew reċint għall-fini li jagħmel xi perkwiżizzjoni hemm ġew jew li jarresta lil xi persuna li tkun għamlet reat jew li tkun raġonevolment suspettata li tkun għamlet jew li tkun se tagħmel xi reat, ħlief jekk –

(*a*) ir-reat ikun delitt, u jkun hemm periklu imminenti li dik il-persuna tista’ taħrab jew li l-*corpus delicti* jew il-provi dwar ir-reat jistgħu jiġu mneħħija; jew
(*b*) il-persuna tinkixef fl-att tal-għemil tar-reat innifsu, jew
(*ċ*) l-intervent tal-pulizija jkun meħtieġ sabiex jipprevjeni l-għemil ta’ delitt, jew
(*d*) d-dħul ikun meħtieġ għall-esekuzzjoni ta’ xi mandat jew ordni maħruġin minn xi awtorità kompetenti oħra fil-każijiet preskritti bil-liġi; jew
(*e*) l-arrest ikun għall-fini li persuna tinqabad li tkun għadha tiġri barra kontra l-liġi wara li tkun ħarbet minn arrest jew detenzjoni leġittimi; jew
(*f*) id-dħul ikun meħtieġ għall-finijiet li:
(i) jiġi eżegwit l-arrest ta’ xi persuna jew biex jiġi aċċertat fejn tkun tinsab persuna li dwarha jkun ingħata allert taħt is-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen u jkun hemm periklu imminenti li dik il-persuna tista’ taħrab; jew
(ii) jsir is-sejbien ta’ xi proprjetà li dwarha jkun ingħata allert taħt is-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen u jkun hemm periklu imminenti li dik il-proprjetà tista’ tinħeba, tintilef, titgħarraq, tinbidel jew tinqered; jew
(*g*) id-dħul ikun neċessarju għall-protezzjoni ta’ xi persuna.
Il-frażi "reċint" ma tinkludix biċċa art mdawra b’ħitan tas-sejjieh.

Jista' wkoll jinħareġ mandat minn Maġistrat kif imsemmi fis-sub-artikolu (1) sabiex:

(*a*) isir l-arrest jew biex jiġi aċċertat fejn tkun tinsab persuna li dwarha jkun ingħata allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen; jew
(*b*) jinkixef u tiġi elevata xi proprjetà li dwarha jkun ingħata allert taħt is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.'
Illi l-Artikolu **355 J** tal-Kap. 9 jipprovdi kif isegwi:

'Kull perkwiżizzjoni li ssir b'mandat għandha tkun perkwiżizzjoni limitata għal dak li hu meħtieġ għall-finijiet li għalihom ikun inħareġ il-mandat:

Iżda jekk, matul il-perkwiżizzjoni, jinkixfu reati li ma jkunux dawk imsemmija fil-mandat, il-perkwiżizzjoni tista' testendi kif meħtieġ għall-finijiet ta' dawk ir-reati l-oħra.'

Illi kif inghad, la r-rikorrenti u lanqas l-intervenuti fil-kawza ma pprezentaw sottomissjonijiet finali bil-miktub fl-atti. Da parti tieghu l-Avukat tal-Istat dwar dan l-ilment isostni li l-Artikolu 5 jiggarantixxi l-helsien fiziku ta' kull individwu mill-ghemejjel arbitrarji tal-Istat li bihom jindahal f'dan il-jedd izda jzid li dan il-jedd tal-liberta fizika mhux wiehed assolut. Jissottometti li sabiex ic-cahda tal-liberta' personali ma tkunx tikser id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni:

a) dik ic-cahda trid tkun imwettqa skond procedura stabilita' b'ligi;
b) li z-zamma jew arrest iridu jkunu legalment gustifikati sakemm
c) tkun tghodd dwarha mqar wahda mis-sitt ragunijiet mahsuba fl-Artikolu 5 (1).

L-Avukat tal-Istat izid li l-arrest tar-rikorrenti kien gustifikat sa mill-mument li effettivament gew arrestati fit-termini tal-Artikolu 5 sub-Artikolu (c) tal-Konvenzjoni u dan ghaliex l-arrest sar ghar-raguni li r-rikorrenti jitressqu l-Qorti fuq suspett ragjonevoli li kienu nvoluti fil-qtil tal-gurnalista Daphne Caruana Galizia.

Illi jirrizulta lill-Qorti mill-atti li r-rikorrenti kkontestaw il-validita' tal-arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati dakinhar stess li gew mressqa b'arrest u dan a bazi li nghataw il-mandat ta' arrest diversi sieghat wara l-arrest taghhom, izda l-Qorti rat ukoll li dik il-Qorti ikkonvalidat l-arrest.

Illi jirrizulta wkoll mill-atti odjerni li effettivament kien hemm mandat ta' arrest u tfittxija mahrug fuq kull rikorrenti rispettivament mahruga mill-Magistrat Dr Anthony Vella u li kienu jgibu d-data tat-2 ta' Dicembru, 2017 (kopja taghhom giet esebita fl-atti odjerni fol. 70 et seq). Minn din id-dokumentazzjomi jirrizulta lil din il-Qorti li l-Pulizija kienet debitament awtorizzata skont il-ligi, kemm sabiex tarresta lir-rikorrenti kif ukoll sabiex taghmel tiftix fl-ambjenti fejn gew arrestati kif ukoll fil-proprjetajiet taghhom jew fejn ghandhom access. It-tiftix fil-proprjetajiet kien neccessarju sabiex jigu preservati provi dwar l-akkuza fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk g ustifikat ukoll fit-termini tal-355E 1 (a) tal-Kodici Kriminali.

Irrizulta ampjament ukoll pruvat fl-atti li ghalkemm il-mandati kienu effettivament inhargu mill-Magistrat Inkwirenti, l-kopja taghhom dovuta lir-rikorrenti fit-termini tal-Artikolu 355 AI inghatat lir-rikorrenti diversi sieghat wara l-arrest taghhom. Il-punt krucjali fil-proceduri odjerni hu jekk dan id-dewmien

jekwivalix ghall-ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrenti ghall-liberta'.

Illi aktar il' fuq f'din id-decizjoni, din il-Qorti gia qieset li gie sufficjentement pruvat li r-rikorrenti, sa mill-ewwel mumenti tal-arrest taghhom gew infurmati li kienu qed jigu arrestati fuq suspett tal-involviment taghhom fil-qtil tal-gurnalista Daphne Caruana Galizia. Il-Qorti rat li l-Artikolu 355 AI tal-Kap. 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta ma jipprovdi l-ebda hin partikolari meta mandat ghandu jigi fizikament mghoddi lill-persuna li ghandha tigi notifikata bih, f'dan il-kaz ir-rikorrenti. Dan il-kaz ghalhekk huwa differenti minn dak deciz mill-Qorti Ewropea suespost fl-ismijiet **Voskuil v. the Netherlands (6475/01)** fejn f'dak il-kaz il-ligi stess kienet timponi terminu specifikat u l-mandati inghataw ben oltre dak it-terminu. Jirrizulta mill-atti li tant ir-rikorrenti odjerni kienu jafu ben tajjeb fuq xiex gew arrestati, ghaliex infurmahom mal-ewwel mumenti b'dan kollu l-Ispettur Keith Arnaud, li fl-ebda hin ma offrew xi rezistenza ghall-istess arrest jew b'xi mod opponew ghal dak li kien qed isehh. Effettivament jirrizulta li kopja ta' dawn il-mandati inghatat lir-rikorrenti qabel tressqu b'akkuza quddiem il-Qorti u ghalhekk l-obbligu fit-termini tal-Artikolu 355AI gie sodisfatt. L-istess Artikolu 355 AI sahansitra jipprovdi fil-'proviso' tieghu poteri aktar wiesa sabiex li jekk ufficjal tal-Pulizija jiltaqa' ma' persuna li jaf li fuqu hemm mahrug mandat ta' arrest dan ghandu jarrestah anki f'kaz li ma jkollux il-mandat fuqu. Il-Qorti fliet il-mandati esebiti a fol. 70 et seq tal-process u rat li d-dokument miktub ma jzid xejn ma' dak li gia kienu gew infurmati bih ir-rikorrenti verbalment u cioe' li l-arrest taghhom kien relatat mal-omicidju volontarju ta' Daphne Caruana Galizia u wkoll li ghalhekk kienet qed tinghata awtorizzazzjoni ghall-arrest taghhom u tiftix skont il-ligi.

Illi ghaldaqstant f'dawn ir-rigward u in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, il-Qorti tqis li r-raba' eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat hija gustifikata u stante li ma tqisx li mill-atti rrizulta ksur tal-Artikolu 5 (1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropeja fil-konfront tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti ahwa Degiorgio ser tghaddi sabiex tichad din il-parti tal-lanjanza kostituzzjonali tar-rikorrenti.

**C. Allegat ksur tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta - Protezzjoni ghall-intimita' tad-dar jew proprjeta' ohra u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali - Id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja:**

Illi l-**Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jaqra kif isegwi:

38.(1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew b'dixxiplina tal-ġenituri, ħadd ma għandu jiġi assoġġettat għat-tfittix fuq il-persuna tiegħu jew proprjetà tiegħu jew għad-dħul minn oħrajn fil-post tiegħu.

(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew li hija magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-Artikolu safejn dik il-liġi tagħmel provvediment –

(a) li jkun raġonevolment meħtieġ fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenza pubblika, saħħa pubblika, pjani regolaturi ta' bliet urħula, l-iżvilupp u utilizzazzjoni ta' risorsi minerali, jew l-iżvilupp u utilizzazzjoni ta' xi proprjetà b'dak il-mod biex jinġieb 'il quddiem il-benefiċċju pubbliku;

(b) li jkun raġonevolment meħtieġ  sabiex  jinġiebu  ′l quddiem id-drittijiet u l-libertajiet ta′ persuni oħra;

(ċ) li jawtorizza dipartiment tal-Gvern ta′ Malta, jew awtorità tal-gvern lokali, jew għaqda korporata mwaqqfa b′liġi għal skop pubbliku, li jidħol fil-post ta′ xi persuna sabiex jispezzjona dak il-post jew xi ħaġa li jkun hemm fih għall-fini ta′ xi taxxa, rata jew drittijiet jew sabiex jagħmel xogħol li għandu x′jaqsam ma′ xi proprjetà jew xi installazzjoni li tkun legalment f′dak il-post u li tkun ta′ dak il-Gvern, dik l-awtorità, jew dik l-għaqda korporata, skont il-każ; jew

(d) li jawtorizza, għall-fini ta′ esekuzzjoni ta′ sentenza jew ordni ta′ qorti, it-tfittix ta′ xi persuna jew proprjetà b′ordni ta′ qorti jew dħul f′xi post b′ordni bħal dak, jew li jkun meħtieġ sabiex jiġu evitati jew mikxufa reati kriminali, u ħlief safejn dak il-provvediment jew, skont il-każ, il-ħaġa magħmula skont l-awtorità tiegħu, hija murija li ma tkunx ġustifikabbli raġonevolment f′soċjetà demokratika.′.

Illi l-**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea** dwar id-drittjiet tal-Bniedem jaqra kif isegwi:

‘1. Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta′ daru u tal-korrispondenza tiegħu.
2. Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita` pubblika dwar l-eżerċizzju ta′ dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f‘soċjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta′ delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta′ ħaddieħor.′

Illi l-'Guidelines to Article 8' fil-parti rilevanti taghhom ghall-kaz odjern jaqraw kif isegwi:
'D. Does the interference further a legitimate aim?

21. Article 8 § 2 enumerates the legitimate aims which may justify an infringement upon the rights protected in Article 8: "in the interests of national security, public safety or the economic wellbeing of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedoms of others". The Court has however observed that its practice is to be quite succinct when it verifies the existence of a legitimate aim within the meaning of the second paragraphs of Articles 8 to 11 of the Convention (S.A.S. v. France [GC], § 114). It is for the respondent Government to demonstrate that the interference pursued a legitimate aim (Mozer v. the Republic of Moldova and Russia [GC], § 194; P.T. v. the Republic of Moldova, § 29).

22. The Court has found, for example, that immigration measures may be justified by the preservation of the country's economic wellbeing within the meaning of paragraph 2 of Article 8 rather than the prevention of disorder if the government's purpose was, because of the population density, to regulate the labour market (Berrehab v. the Netherlands, § 26). The Court has also found both economic wellbeing and the protection of the rights and freedom of others to be the legitimate aim of large governments projects, such as the expansion of an airport (Hatton and Others v. the United Kingdom [GC], § 121 – for the preservation of a forest/environment and the protection of the "rights and freedoms of others", see Kaminskas v. Lithuania, § 51).

23. The Court found that a ban on fullface veils in public places served a legitimate aim taking into account the respondent State's point that the face plays an important role in social interaction. It was therefore able to accept that the barrier raised against others by a veil concealing the face was perceived by the respondent State as breaching the right of others to live in a space of socialisation which makes living together easier (S.A.S. v. France [GC], § 122). 24. In Toma v. Romania, however, the Court found that the Government had provided no legitimate justification for allowing journalists to publish images of a person detained before trial, when there was no public safety reason to do so (§ 92). In Aliyev v. Azerbaijan, the Court did not find that a search and seizure at the applicant's home and office had pursued any legitimate aims enumerated in Article 8 § 2 (§§ 183-188). 25. In some cases, the Court found that the impugned measure did not have a rational basis or connection to any of the legitimate aims foreseen in Article 8 § 2, which was in itself sufficient for a violation of the Article. Nevertheless, the Court considered that the interference raised such a serious issue of proportionality to any possible legitimate aim that it also examined this aspect (Mozer v. the Republic of Moldova and Russia [GC], §§ 194-196; P.T. v. the Republic of Moldova, §§ 30-33).

E. Is the interference "necessary in a democratic society"?

26. In order to determine whether a particular infringement upon Article 8 is "necessary in a democratic society" the Court balances the interests of the Member State against the right of the applicant. In an early and leading Article 8 case, the Court clarified that "necessary" in this context does not have the flexibility of such expressions as "useful", "reasonable", or "desirable" but implies the existence of a "pressing social need" for the interference in

question. It is for national authorities to make the initial assessment of the pressing social need in each case; accordingly, a margin of appreciation is left to them. However their decision remains subject to review by the Court. A restriction on a Convention right cannot be regarded as "necessary in a democratic society" – two hallmarks of which are tolerance and broadmindedness – unless, amongst other things, it is proportionate to the legitimate aim pursued (Dudgeon v. the United Kingdom, §§ 51-53). 27. Subsequently, the Court has affirmed that in determining whether the impugned measures were "necessary in a democratic society", it will consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons adduced to justify them were relevant and sufficient and whether the measures were proportionate to the legitimate aims pursued (Z v. Finland, § 94). The Court has further clarified this requirement, stating that the notion of "necessity" for the purposes of Article 8 means that the interference must correspond to a pressing social need, and, in particular, must remain proportionate to the legitimate aim pursued. When determining whether aninterference was "necessary" the Court will consider the margin of appreciation left to the State authorities, but it is a duty of the respondent State to demonstrate the existence of a pressing social need behind the interference (Piechowicz v. Poland, § 212). The Court reiterated the guiding principles on the margin of appreciation in Paradiso and Campanelli v. Italy [GC], §§ 179-184 and Klaus Müller v. Germany, § 66.

28. With regard to general measures taken by the national government, it emerges from the Court's case-law that, in order to determine the proportionality of a general measure, the Court must primarily assess the legislative choices underlying it. The quality of the parliamentary and judicial review of the necessity of

the measure is of particular importance in this respect, including to the operation of the relevant margin of appreciation. The procedural safeguards available to the individual will be especially material in determining whether the respondent State has, when fixing the regulatory framework, remained within its margin of appreciation. In particular, the Court must examine whether the decision-making process leading to measures of interference was fair and such as to afford due respect to the interests safeguarded to the individual by Article 8 (A.-M.V. v. Finland, §§ 82-84).'

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti jilmentaw li meta saru t-tfittxijiet fit-tinda tal-patata fejn kien hemm prezenti huma stess u fi proprjetajiet ohra taghhom, il-pulizija u l-persuni prezenti agixxew b'tali mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom. Ir-rikorrenti jilmentaw li fuq il-post ma ttihidx kopja tal-mandat ta' tiftix u wkoll ghaliex skonthom ma kienux prezenti ghat-tfittxijiet kollha. Jilmentaw ukoll li f'dawn il-proprjetajiet dahlu nies barranin li skond huma ma kienux awtorizzati li jidhlu.

Illi jirrizulta mill-atti li dakinhar tal-arrest u cioe' nhar l-4 ta' Dicembru, 2017, l-iskwadri li kienu inkarigati bl-operazzjoni inghataw direzzjoni sabiex parti minnhom imorru fejn it-tinda tal-patata fil-Marsa u ohrajn jistazzjonaw ruhhom barra proprjetajiet rilevanti relatati mar-rikorrenti sabiex jigi evitat li mal-mument li jsir l-arrest titnehha jew tintilef xi evidenza li seta' kien hemm f'dawn il-proprjetajiet

Jirrizulta mix-xiehda tal-Ispettur Keith Arnaud li ghal dak li hu tiftix fit-tinda tal-patata kien hemm l-istess rikorrenti prezenti. Jirrizulta fil-fatt li ghalkemm ma nghatawx id-dokument tal-mandat ir-rikorrenti nghataw b'mod verbali mill-istess Spettur

informazzjoni kontenenti r-raguni ghalfejn kienu gew arrestati u ghalfejn qed isir it-tiftix. Dwar tiftix fi proprjetajiet ohra jirrizulta li l-Ispetturi u surgenti nkarigati kienu gew murija l-mandati qabel l-operazzjoni izda ma nghatawx kopja f'idejhom. Sar tiftix f'diversa propjeta' fejn f'kull wahda jirrizulta li ttiehed l-akkuzat partikolari konness mal-istess. L-Ispettur Arnaud fil-fatt kkonferma li dwar ir-rikorrent Alfred Degiorgio it-tiftix fir-residenza tieghu sar fil-presenza tieghu (ghall-kuntrarju ta' dak li jesponi Alfred Degiorgio fir-rikors promotur) u l-istess dwar il-vettura ta' Vincent Muscat. Dan gie wkoll konfermat mill-Ispettur Kevin Pulis a fol. 166 et seq.

Illi jirrizulta mill-provi migbura quddiem din il-Qorti li kien biss fi proprjeta' partikolari ta' George Degiorgio gewwa San Pawl il-Bahar li ma kienx hemm prezenti l-istess George Degiogrio ghat-tiftix u dan peress li kien hemm prezenti Annikka Popp u ghalhekk it-tiftix sar fil-presenza taghha.

Il-Qorti rat ukoll mill-provi li l-Ispettur inkarigat mit-tiftix fir-residenza ta' George Degiorgio gewwa San Pawl il-Bahar ntalab mill-partner ta' George Degiorgio, Annika Popp sabiex juriha kopja tal-mandat ta' tiftix. Hareg mix-xiehda tal-Ispettur Arnaud u wkoll ta' WPC Kimberly Camilleri (fol. 172 et seq) li l-Ispettur Spiteri nkarigat ma kellux kopja fis-sens tal-karta f'idejh izda din intbaghtet lilu b'mod elettroniku u gie muri lis-siehba ta' George Degiorgio. Johrog ukoll mix-xiehda, partikolarment ta' WPC Kimberly Camilleri, li ghalkemm dan id-dokument kien bil-lingwa Maltija l-Ispettur spjega l-kontenut tieghu lil Annika Popp bil-lingwa Ingliza li hi kienet tifhem stante li ma kinitx tifhem bil-lingwa Maltija. Konsegwenti ghal dan kollu saret it-tfittxija fil-presenza taghha.

Apparti dak suespost, jirrizulta lill-Qorti li f'kull post fejn sar it-tiftix kien hemm prezenti almenu persuna wahda barranija u cioe' mhux Maltija mibghuta mill-Europol. Ir-rikorrenti jsostnu li dawn ma kellhom l-ebda awtorizzazzjoni jkunu prezenti fil-proprjetajiet taghhom. Dan izda gie kontradett mill-provi fl-atti. Mid-digriet a fol. 208 tal-process johrog li dawn l-erba' persuni kienu gew nominati mill-Magistrat Inkwirenti, qabel id-data tal-arrest u t-tiftix (id-digriet huwa datat it-23 ta' Novembru, 2017), bhala esperti tal-istess Magistrat Inkwirenti fl-inkjesta tal-qtil tal-gurnalista Daphne Caruana Galizia.

Illi l-Qorti tirrileva li anki minn qari semplici tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni msemmija, li d-dritt ghall-hajja privata u tal-familja /protezzjoni ghall-intimata tad-dar jew proprjeta' ohra, m'humiex xi drittijiet assoluti li ma jipprovdu ghal ebda eccezzjoni. Fil-kaz odjern hareg car mill-atti li t-tiftix fil-proprjetajiet in kwistjoni kien necessarju sabiex tigi preservata evidenza relatata mal-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia mal-mument li s-suspettati ghall-istess gew arrestati. Kif spjega ben tajjeb l-Ispettur Keith Arnaud fix-xhieda tieghu, kien hemm biza li mal-arrest tar-rikorrenti u Vincent Muscat tinxtered il-kelma dwar dak li kien qed isehh u jkun hemm xi terzi li jippruvaw inehhu jew jiddistruggu xi evidenza. Kien ghalhekk li ntbaghtu persuni ghassa mal-proprjetajiet in kwistjoni, sa minn qabel sehh l-arrest, izda konsegwentement it-tiftix fil-proprjeta' saret wara l-arrest tar-rikorrenti.

Illi l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jipprovdi eccezzjoni ghad-dritt fundamentali fejn l-indhil minn awtorita' pubblika huwa awtorizzat jekk hu skont il-ligi u mehtieg f'socjeta' demokratika fl-interessi fost ohrajn tas-sigurta` pubblika u sabiex jigi evitat l-eghmil ta' delitti. L-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni wkoll jipprovdi

ghal xi eccezzjonijiet fejn fis-sub-Artikolu (d) jipprovdi specifikatament eccezzjoni f'kaz ta' tiftix fuq ordni ta' Qorti sabiex jigu mikxufa reati kriminali, dan sakemm dan ikun gustifikabbli f'socjeta' demokratika.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li t-tiftix fil-proprjetajiet in kwistjoni kien debitament awtorizzat mill-Magistrat Inkwirenti skont il-ligijiet applikabbli kif elenkati fil-kopji tal-mandati esebiti a fol. 70 et seq tal-process u ghalhekk l-element tal-legalita' hija sodisfatta. Gie wkoll ampjament pruvat li dan it-tiftix kien necessarju sabiex tigi preservata evidenza dwar l-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia. Din il-Qorti ghalhekk m'ghandha l-ebda dubju li dan it-tiftix kien gustifikat f'socjeta' demokratika sabiex jassigura progress fl-investigazzjoni tal-omicidju msemmi.

Illi dwar in-nuqqas tal-kopja tal-mandat jirrizulta lil Qorti li dan l-intopp gie sorvolat billi ntweriet kopja tal-istess lis-siehba ta' George Degiorgio u ghalhekk il-Qorti ma tara l-ebda ksur ta' dan id-dritt fundamentali minn dan il-lat.

Dwar il-presenza ta' membri tal-Europol, jirrizulta lill-Qorti kif gia accennat li dawn kienu prezenti ghat-tiftix ghar-raguni li kienu gew debitament nominati skont il-ligi mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jassistu fl-inkjesta. Hareg ukoll mill-provi fl-atti li dawn il-persuni taw biss direzzjoni dwar x'ghandu jingabar u ma jingabarx mill-proprjetajiet ghal dak li huwa taghmir elettroniku u affarijiet ohra relatati. Hareg car mill-provi li effettivament ma kienux huma li elevaw l-oggetti izda kien it-tim forensiku Malti li eleva dawn l-oggetti minn fuq il-post.

Illi sabiex din il-Qorti ssib ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni trid issib li dak li sehh ma kienx

ragjonevoli in vista wkoll tal-eccezzjonijiet ghad-dritt provduti minn dawn l-istess artikoli. Fil-kaz odjern ma rrizultax lill-Qorti li dak kollu li sar mill-Awtoritajiet ma kienx ragonevoli. It-tfittxijiet u l-elevazzjoni tal-oggetti saru fit-termini tal-ligi u cioe' skont il-Kapitolu 9 Kodici Kriminali ta' Malta u kienu debitament awtorizzati mill-Magistrat Inkwirenti. Il-Qorti ma ghandix dubju li dawn kienu neccessarji u gustifikabbli sabiex tigi preservata l-evidenza fl-omicidju nvestigat u jitressqu l-allegati suspettati quddiem il-gustizzja. Il-Qorti fl-ambitu ta' dak kollu espost ma tqisx li r-rikorrenti rnexxielhom jissodisfaw il-kriterji necessarji sabiex jigi dikjarat ksur ta' dawn l-artikoli, ghalhekk filwaqt li ser tilqa' l-hames eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat et, ser tghaddi sabiex tichad ukoll din il-parti tal-lanjanza kostituzzjonali mressqa mir-rikorrenti Degiorgio.

**D. Allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem:**

Illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jiddisponi illi:

'(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist –

(a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;

(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà

u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u

(ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:

Iżda f'każijiet speċjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju; u f'kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.'

Illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

'Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.'

Illi l-interpretazzjoni moghtija b'mod kostanti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni hija li:

'Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules: the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, inter alia, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not, however, distinct, in the sense of being unconnected. The second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule (see, among others, **James and Others vs The United Kingdom**, 21 February 1986, §37, Series A no. 98, which reiterates in part the principles laid down by the Court in **Sporrong and Lönnroth vs Sweden**, 23 September 1982, §61, Series A no. 52; see also **Broniowski vs Poland** (GC), n0. 31443/96, §134, ECHR 2004-V). **Hutten-Czapska v. Poland**.)[4]'

Fl-istess decizjoni l-Qorti kompliet issostni li huma tlieta (3) r-rekwiziti li ghandhom jigu sodisfatti sabiex interferenza mill-istat titqies bhala permissibbli, billi jigi analizzat is-segwenti:

i. jekk il-mizura adottata mill-Istat tkunx saret fil-kuntest ta' qafas legali;

ii. jekk l-iskop tal-mizura jilhaqx ghan legittimu; u

[4] Applikazzjoni numru: 35015/97 – 19th June, 2006.

iii. jekk il-mizura li tkun ittiehdet zammitx bilanc proporzjonat bejn l-ghan socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

Illi b'referenza ghall-allegat ksur ta' l-artikoli suesposti l-Qorti fl-ewwel lok taghmel taghha l-konsiderazzonijiet li gia saru aktar il' fuq fl-analizi tal-artikoli 8 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni. B'zieda mal-istess fil-kaz odjern jirrizulta li r-rikorrenti qed jilmentaw mit-tiftix li sar fil-proprjetajiet taghhom jew li ghalihom ghandhom access u, milli tista' tifhem, ghall-fatt li gew elevati xi oggetti minn dawn il-proprjetajiet, fosthom taghmir elettroniku, fil-presenza wkoll ta' membri tal-Europol.

Illi m'hemmx dubju li t-tfittxija fil-proprjeta' u l-elevazzjoni ta' diversi oggetti proprjeta' tar-rikorrenti jekwivali ghal restrizzjoni fuq it-tgawdija taghhom tal-istess proprjeta u ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat et mhijiex gustifikata. Dan izda mhux necessarjament u awtomatikament igib mieghu il-ksur tad-drittijiet fondamentali msemmija. Il-Qorti rat li t-tfittxija u l-elevazzjoni gew awtorizzati mill-Magistrat Inkwirenti fit-termini tal-artikoli applikabbli elenkati fil-mandati (a fol. 70 et seq tal-process) tal-Kap. 9 Kodici Kriminali ta' Malta. Johrog ghalhekk li l-ewwel kriterju u cioe' li r-restrizzjoni trid temani minn qafas legali, huwa sodisfatt.

It-tieni kriterju huwa jekk din ir-restrizzjoni fuq il-proprjeta' tar-rikorrenti saritx b'ghan legittimu. Hareg car mill-atti li t-tfittxija fil-proprjeta' u l-elevazzjoni tal-oggetti saret f'ambitu ta' nvestigazzjoni dwar l-omicidju tal-gurnalista Daphne Caruana Galizia. L-Istat tramite l-awtoritajiet kompetenti, nkluz il-Kummissarju ntimat, huwa obbligat li jinvestiga delitti odjuzi u gravi bhal ma hu omicidju ta' kwalunkwe persuna u ghalhekk il-

Qorti tqis li ma hemm l-ebda dubju li r-restrizzjoni fuq il-proprjeta' tar-rikorrenti kellha bhala bazi taghha ghan legittimu.

Finalment it-tielet element huwa dak tal-proporzjonalita'. Fil-kaz odjern rrizulta li waqt it-tfittxijiet fil-proprjetajiet in kwistjoni ma giex elevat kollox izda gew elevati biss oggetti li mad-daqqa t'ghajn dehru li setghu jkunu ta' ghajnuna fl-investigazzjoni tal-omicidju u jservu bhala provi fl-istess investigazzjoni u fl-akkuzi fil-konfront tal-istess rikorrenti. Fl-atti tressqu diversi listi mix-xhieda li elenkaw oggetti li gew elevati bhal mobile phones u tablets u wkoll xi bottijiet taz-zebgha li b'xi mod setghu iservu sabiex jitfaw aktar dawl fuq id-dinamika tal-omicidju nvestigat, liema omicidju sehh permezz ta' detonazzjoni ta' bomba. Jirrizulta li sahansitra fuq il-post kien hemm persuni trenjati u specjalizzati f'dan it-tip ta' tiftix u cioe' l-esperti fl-Inkjesta derivanti mill-Europol li ghamluha aktar facli li jigu identifikati l-oggetti li kellhom jigu elevati u ohrajn le. Il-Qorti f'dan kollu ma ssib xejn tant sproporzjonat li jekwivali ghal lezjoni tad-dritt tal-godiment tal-proprjeta' tar-rikorrenti. Anzi huwa car li t-tiftix u l-elevazzjoni ta' uhud mill-oggetti kien necessarju sabiex jigi nvestigat u idealment solvut l-omicidju in kwistjoni bl-ghan li finalment jigi protett l-interess tal-poplu in generali u ssir gustizzja.

Il-Qorti ghalhekk anki fir-rigward ta' din il-parti tal-ilment kostituzzjonali tar-rikorrenti ser tghaddi sabiex tilqa' is-sitt eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat intimat u stante li ma sabet l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali vantati relatati mat-tgawdija tal-proprjeta' ser tghaddi sabiex tichad il-bqija tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi dan ir-rikors kostituzzjonali kif isegwi:

1. Tiddikjara t-tielet eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat et bhala sorvolata;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet kollha rikorrenti sakemm dawn jikkoncernaw limitatament lir-rikorrent Vincent Muscat stante c-cessjoni da parti tal-istess;

3. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat et dwar il-legittimu kontradittur bl-ispejjez kontra tieghu;

4. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat et filwaqt li tilqa' r-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' eccezzjoni tal-istess Avukat tal-Istat et, tilqa' wkoll ir-risposta tal-Avukat Peter Caruana Galiza et, intervenuti fil-kawza sakemm din hija kompatibbli ma' dak hawn deciz; u

5. Stante li ma sabet l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fit-termini tal-artikoli 5 (1) u (2) u Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol anness mal-istess konvenzjoni, kif ukoll ma sabet l-ebda lezjoni tal-artikoli 37 u 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha salv dawk gia decizi sal-istadju tad-decizjoni preliminari ghandhom jigu sopportati ugwalment mit-tliet

rikorrenti, l-ispejjez rimanenti jigu sopportati mir-rikorrenti Alfred u George Degiorgio.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta' Lulju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Lulju, 2021**